**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 181**
**It-Tlieta, 28 ta' Novembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz  €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 181**
**It-Tlieta, 28 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fit-8.30 a.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 181**

**It-Tlieta, 28 ta’ Novembru 2023**

**WERREJ**

MINUTI ........................................ 1

MISTOQSIJIET ........................................ 1

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 – KUMITAT TA’ PROVVISTA
IS-SITTAX-IL SEDUTA STABBILITA – MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA ........................................ 1

AĠĠORNAMENT ........................................ 27

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 180, li saret fis-27 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## MISTOQSIJIET

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius)**: Illum il-Kamra qed tiltaqa' fit-8.30 a.m. bi ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra a tenur tal-artikolu B3 tal-Mozzjoni 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023. Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, din is-seduta hija mingħajr mistoqsijiet u mingħajr Tqegħid ta' Karti.

Il-Ministru Jo Etienne Abela.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
## ESTIMI ĠENERALI 2024
## KUMITAT TA' PROVVISTA
## IS-SITTAX-IL SEDUTA STABBILITA
## MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*Il-President tal-Kumitati, l-Onor. David Agius, jippresiedi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu d-diskussjoni f'Kumitat ta' Provvista l-Voti tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont Mozzjoni Nru 183 tal-31 ta'Ottubru, 2023 il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat li għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Jekk jogħġbu, il-Ministru Jo Etienne Abela jressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu.

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Sur President, se nipproponi dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 45 - MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €274,222,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 45 - Ministeru għall-Anzjanità Attiva, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XXI - MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €4,620,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XXI - Ministeru għall-Anzjanità Attiva - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Rimarki? L-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Sur President, se nipproponi din l-emenda:

**VOT 45 - MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA**

**Personal Emoluments**
**Item 11 - Holders of Political Office**

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".

Sur President, jien ukoll se nkun qed nagħmel l-intervent tiegħi dwar l-estimi tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva. F'dan il-Baġit smajna ħafna kliem li jdoqq sabiħ għal widnejn dwar Malta ġusta. Kellna ħafna diskorsi mill-faċċata fejn qalulna kemm għandna kulħadd kuntent u ferħan. Qalulna li l-aktar li huma kuntenti u ferħana huma l-anzjani tagħna. Kif jgħidu, bejn il-kliem u l-fatti hemm baħar jikkumbatti. Huwa tajjeb li niftaħru u nirrikonoxxu x-xogħol kbir li sar matul is-snin u li qed isir fost l-anzjani biex verament jgħixu aħjar, imma nkunu qegħdin nonqsu lkoll jekk ma neħdux din l-opportunità biex naċċentwaw fuq dak li mhux qiegħed isir tajjeb, fuq in-nuqqasijiet li għandna fis-sistema tagħna li qed iħallu impatt negattiv fuq l-anzjani u fuq il-kwalità tal-ħajja li jgħixu.

Sikwit fid-diskorsi tiegħi nitkellem fuq kunċett importanti ħafna tad-dinjità. Verament nemmen li dak kollu li nagħmlu f'dan is-settur għandu jkun ispirat minn dan il-valur tant importanti, li huwa d-dinjità li ħaqqha kull persuna. Kieku dan il-Gvern jimxi b'dinjità ma' kull anzjan u anzjana indipendentement minn min hi jew min hu, indipendentement jekk hijiex waħda attiva jew vulnerabbli, illum għandna ħafna aktar anzjani li jgħixu kwalità ta' ħajja aħjar. Ovvjament jien se nkun qed inħalli l-ftaħir għall-Ministru u se nkun fattwali. Se nkun qed nelenka dak li naħseb li mhux qiegħed isir b'dinjità u b'rispett sħiħ lejn l-anzjani tagħna.

Jien se nibda biex inħares ftit lejn l-estimi finanzjarji li ppreżenta dan il-Gvern u nitlob li l-Ministru jkun ċar fuqhom. Għandna, pereżempju, żieda ta' €6 miljun f'personal emoluments. Din hija żieda eżorbitanti meta tqabbilha anke mal-personal emoluments ta' Ministeri oħrajn. Forsi l-Ministru jista' jgħidilna jekk din ż-żieda hijiex relatata maż-żieda diretta f'impjiegi u salarji ta' dawk il-persuni li huma kwalifikati u huma professjonali li permezz tagħhom se jkunu qegħdin jiżdiedu s-servizzi lejn l-anzjani u jtejbu l-kwalità tas-servizz. Għandna wkoll żieda impressjonanti fis-servizzi kuntrattwali li minn €50 miljun żdiedu għal €67 miljun. Tajjeb li ngħidu jekk dawn ma jinkludux ix-xiri tas-sodod fid-djar residenzjali privati li hemmhekk ukoll kellna żieda ta' €23 miljun. Il-Ministru huwa obbligat li jgħidilna x'inhuma s-servizzi kuntrattwali li se jkunu qegħdin jiżdiedu u dan żgur għall-benefiċċju tal-anzjani tagħna.

Sur President, dan il-Gvern irid ikun aktar trasparenti. Għandna Gvern li jaħbi u rajna kif dan il-Gvern qarraq bil-poplu Malti anke bil-kuntratti tal-isptarijiet. Il-Gvern huwa obbligat li jkun trasparenti anke fix-xiri tas-sodod fid-djar residenzjali għaliex żgur li mhuwiex qiegħed ikun trasparenti. Nitolbu kemm nitolbu il-kuntratti dwar ix-xiri tas-sodod fid-djar residenzjali ma jiġux ippubblikati bl-iskuża li huma ta' natura sensittiva. Dan iqajjem diversi dubji anke dwar il-ġenwinità u l-korrettezza tagħhom.

Fid-Diskors tal-Baġit il-Ministru Clyde Caruana qalilna li matul is-sena d-dieħla se jibda l-proġett tad-dar tal-anzjani ta' Bormla, imma mbagħad ma hemm ebda allokazzjoni speċifika għaliha fl-Estimi li ppreżentalna. Nispera li din mhijiex xi gimmick oħra ta' dan il-Gvern li kull sena jgħidilna li se jkun qed jagħmel xi proġett jew ieħor imbagħad inħalluh fuq l-ixkaffa, qatt ma jsir xejn dwaru, u saħansitra anke jisparixxi mid-Diskors tal-Baġit tas-sena ta' wara. Din diġà rajnieha sseħħ. Rajnieha sseħħ dwar l-isptar ġdid mentali, dwar l-iskola medika, dwar l-isptar ta' Għawdex u dwar ħafna u ħafna aktar proġetti.

Inkun qed nonqos jekk ma nikkummentax dwar in-nuqqas ta' sensittività ta' dan il-Gvern fil-mod kif ħa d-deċiżjonijiet tiegħu dwar id-dar ta' Bormla. Nispera li dan il-Gvern tgħallem minn dak li ġara. Din id-dar ingħalqet mingħajr ebda konsiderazzjoni lejn l-effett fuq l-anzjani. L-anzjani qatt ma ġew informati qabel, ma ġewx ikkonsidrati jew ikkonsultati dwar dak li se jkun qed jiġri minnhom. Anzjani li kienu ilhom jgħixu fil-komunità ta' Bormla għal snin twal ġew imwerwra li se jaqa' l-bini fuqhom biex illum il-bini għadu hemm bla ma ħadd għamel xejn dwaru.

Dan meta l-Gvern qal li kellu rapporti dwar din id-dar li kienu ilhom fil-kexxun aktar minn sena.

Mela werwer lill-anzjani li d-dar se taqa' fuqhom meta suppost kellu rapporti li jgħidu li d-dar se taqa' u ħalliehom hemm fil-kexxun bla ma għamel xejn dwarhom. Dawn l-anzjani ttieħdet deċiżjoni dwarhom u għalihom bla ma ġew ippreparati għal din il-bidla li se jkollhom f'ħajjithom. Huwa għalhekk li jien dejjem nitkellem dwar id-dinjità.

Sur President, l-anzjani li jgħixu fid-djar residenzjali tagħna mhumiex oġġetti, mhumiex pakketti tal-merkanzija. Hawn b'responsabbiltà nieħu l-opportunità ngħid li smajna wkoll li se tkun qed tingħalaq id-Dar Saura fir-Rabat. Jien nagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru: Jekk Dar Saura mhijiex up to standard u se tingħalaq, għaliex l-anzjani ta' Bormla ngħataw il-fakultà li jmorru f'Dar Saura? Sewwa ngħid meta nsostni li l-anzjani tagħna nqisuhom bħala oġġetti u pakketti tal-merkanzija, għax ma jistax ikun li jkollok anzjani li jitilqu mid-Dar ta' Bormla, jintbagħtu f'Dar Saura, biex issa Dar Saura se tingħalaq ukoll.

Dan ifisser li dawn se jkollhom jerġgħu joħorġu. Ejja ma ninsewx ukoll li għandna ħafna anzjani f'Dar Saura li oriġinarjament kienu f'Dar Sant' Anna l-Isla li ngħalqet. Dawn kienu marru l-Holy Family Home fin-Naxxar li għalqet ukoll. Imbagħad marru Dar Saura li se tkun qed tingħalaq. Il-Gvern irid jassigura li dak li ġara ma jerġax iseħħ. Il-Gvern verament irid jagħti widen lill-anzjani, jitkellem magħhom u jara fejn jixtieq li jkunu qegħdin imorru.

Il-Ministru Clyde Caruana qalilna wkoll gidba ħoxna ħafna fil-Baġit. Qalilna li matul is-sena d-dieħla se jkun qed ikompli x-xogħol fuq id-dar tal-Imsida. Dan huwa insult! Id-Dar tal-Imsida ħofra kienet u ħofra għadha. Kif niġu hawnhekk u nbellgħuha lin-nies li se jkun qiegħed jitkompla x-xogħol fuq id-Dar tal-Imsida meta għadu lanqas biss beda! Biex tkompli, lanqas biss għandna line item speċifiku dwar id-Dar tal-Imsida fl-Estimi li għandna quddiemna. Minn dawn l-Estimi joħroġ ċar ukoll li dan il-Gvern għadu lanqas qed iżid l-ispiża għall-inizjattivi tal-welfare u daqstant ieħor m'għandna ebda servizzi ġodda, għaliex fit-taqsima 'Programmes and Initiatives' m'għandna ebda żieda oħra dwarhom. Ma jissemma xejn lanqas dwar investiment fin-night shelters u fir-respite li nafu li tant huma importanti sabiex l-anzjani tagħna jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu fil-komunità. Ma jissemma xejn fil-Baġit dwar taħriġ lill-anzjani tagħna dwar it-teknoloġija. Huwa importanti li jkollna anzjani li jkunu jafu jużaw it-teknoloġija biex ma nħalluhomx jinqatgħu mid-dinja tal-lum. Inutli li nitkellmu fuq strateġija għall-anzjanità attiva mbagħad ma ninvestux f'taħriġ apposta għall-anzjani biex dawn ukoll ikunu digitally conversant u ma jħossuhomx esklużi mis-soċjetà.

Sur President, fil-bidu tad-diskors tiegħi għedt li għal dan il-Gvern għandna anzjani u anzjani, u hawn nixtieq nispjega u ngħid għaliex. Sfortunatament inħoss li għalkemm għandna Ministeru sħiħ iddedikat għall-anzjani, dan il-Ministeru mhux qiegħed iħares verament kif jista' jkollna anzjani aktar attivi u indipendenti. Dan jista' jkun minħabba nuqqas ta' volontà, minħabba nuqqas ta' strateġija, minħabba nuqqas ta' viżjoni jew minħabba elf raġuni oħra. Jekk verament irridu li l-anzjani tagħna jibqgħu attivi, wieħed mill-prinċipji fundamentali hu li tara kif ir-riabilitazzjoni tal-anzjani tagħna tingħata prijorità. Jiddispjaċini ngħid li din mhijiex prijorità għal dan il-Gvern u hawn se nieħu l-eżempju tal-Isptar Karin Grech.

Issa forsi l-Ministru se jgħidli li dan ma jaqax taħt id-dekasteru tiegħu, bħallikieku l-anzjani li jidħlu fl-Isptar Karin Grech inwaħħlulhom xi tabella biex nagħrfuhom jekk jaqgħux taħt il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva jew il-Ministeru għas-Saħħa! Fl-Isptar Karin Grech għandna nies professjonali, ħaddiema li huma eċċellenti li jagħmlu l-almu tagħhom, u jien insellmilhom minn hawnhekk, imma għandna nies fis-senior management li qed jitilqu. Għandna social workers u għandna nies mit-taqsima tat-trasport li qed jitilqu. Għandna r-riżorsi umani li qed jitilqu, Sur President. Flus għall-Isptar Karin Grech dan il-Gvern m'għandux, lanqas għan-neċessitajiet bażiċi. Naf x'qiegħda ngħid. Dan il-post qiegħed jaqa' biċċiet u huma biss il-ħaddiema u l-professjonisti li qed iżommuh sħiħ. L-Isptar Karin Grech għandu jkun is-sinsla u l-qofol għar-riabilitazzjoni tal-anzjani biex ikunu jistgħu jerġgħu jmorru lura fil-komunità. Il-Gvern hekk jaqbillu. Allaħares kull anzjan jew anzjana li tidħol fl-Isptar Karin Grech nispiċċaw irridu naraw fejn se nkunu qegħdin inpoġġuhom. Ejjew niftakru li l-Isptar Karin Grech fl-aħħar mill-aħħar intgħażel apposta għal dan l-iskop. Kellna Gvern li kien jemmen fir-riabilitazzjoni u kien għalhekk li mill-Isptar Zammit Clapp din għaddejnieha għall-Isptar Karin Grech. Sfortunatament minn dan il-Gvern m'hemm ebda kelma waħda li hija waħda fil-Baġit dwar

investiment akbar fir-riabilitazzjoni tal-anzjani tagħna.

Nixtieq nitkellem ftit dwar in-nuqqasijiet li għandna fis-servizzi li jingħataw lill-anzjani tagħna anke fil-komunità. Ilni nisħaq li s-servizzi li noffru għandhom iduru madwar l-anzjan u jaqdu lill-anzjani skont il-bżonnijiet u n-neċessitajiet tagħhom u mhux bil-kontra. Pereżempju, għalkemm il-Ministru dejjem jgħidli li naqset, ma jistax ikun li sal-ġurnata tal-lum għad għandna lista ta' stennija ta' anzjani li qegħdin jistennew il-Home Help bil-ħniena. Ma jistax ikun li għandna anzjani li f'darhom stess inqajmuhom fis-6.00 a.m. għaliex il-carer tiġi taħsilhom fis-7.00 a.m. sajf u xitwa. Għandna dewmien ukoll fl-ipproċessar fl-iskema tal-carer at home fejn lin-nies sfortunatament naqilgħulhom qalbhom għax il-kuntrattur iwaħħal fl-Active Ageing and Community Care u l-Active Ageing iwaħħal fil-kuntrattur! Min qiegħed ibati? Ibati min qed juża s-servizz u ħadd aktar.

Nixtieq nara aktar titjib fis-servizzi li l-anzjani qed jingħataw fid-djar residenzjali. Wisq nibża' li ħafna mid-djar residenzjali tilfu l-konċett ta' dar, ta' home sweet home, u dawwarniehom f'istituzzjonijiet fejn l-anzjan mhux dejjem baqa' l-protagonist, fejn l-anzjan mhux dejjem jitqies bħala membru ta' familja estiża imma jitqies bħala xi ħadd li qiegħed jagħmel użu minn servizz. Pereżempju, jien ma nifhimx kif għandna anzjani li l-ikel tagħhom xi kultant jasal għandhom qisu pett taż-żarbun! Ma nifhimx kif persuni anzjani li jbatu b'ħafna kondizzjonijiet jingħataw ikel li mhuwiex tajjeb.

Ma nifhimx kif għandna djar tal-anzjani li lanqas bitħa suret in-nies m'għandhom. Ma nifhimx kif għandna djar tal-anzjani li għadhom ipoġġu s-sodod tal-anzjani direttament mal-ħajt. Inutli noqogħdu ngħidu li dan mhux minnu. Jien qed nittama li issa li għandna l-Older Persons Standards Authority (OPSA) li tkun aktar iffokata u tieħu bis-serjetà dawn in-nuqqasijiet. Irrid nara Standards Authority li tkun aktar awtonoma u aktar indipendenti li tiġġenera, għala le, id-dħul tagħha mingħajr ma tkun qed tiddependi fuq il-Gvern.

Ma nistax ma nikkummentax dwar in-nuqqas ta' dan il-Gvern f'dan il-Baġit li jinvesti f'aktar taħriġ. Bħala Oppożizzjoni ilna nisħqu li għandna bżonn li dan il-Gvern jinvesti aktar fit-taħriġ tal-carers tagħna, imma sfortunatament dan jaqa' fuq widnejn torox. Jien ngħid li kemm-il darba ġejt attakkata f'din il-Kamra għaliex nażżarda nlissen li l-anzjani tagħna fid-djar tagħhom, fid-djar residenzjali tal-anzjani, fl-isptarijiet, għandu jkollhom carers li magħhom jistgħu jikkomunikaw, li jistgħu jifhmuhom u li jistgħu jisimgħu l-weġgħat tagħhom. Għandu jkun hemm carers li mhux mill-ajruport nibagħtuhom dritt jaħdmu fir-Residenza San Vincenz de Paul imma qabel ma jibdew jaħdmu mal-anzjani dawn għandhom ikunu jafu l-aktar affarijiet bażiċi; pereżempju meta jiġu biex jimlew il-kitla jkunu jafu li din iridu jimlewha bl-ilma u mhux b'xi soft drink.

Dan mhux jien qed ngħidu, Sur President. Dan qalu l-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija Identità l-Kurunell Mark Mallia fuq programm televiżiv fuq l-istazzjon suppost tal-poplu! Dan wera wkoll il-fehma li l-iskema tal-iskills card għandha tkun estiża għall-carers li jaħdmu mal-anzjani. Mela tajjeb, il-Kurunell Mark Mallia din jista' jgħidha, imma l-Oppożizzjoni ma tistax! Paula Mifsud Bonnici bħala l-kelliema għall-Oppożizzjoni responsabbli mill-anzjani ma tistax tgħidha li għandna carers li mhumiex imħarrġin u li mhumiex tajbin biex ikunu qegħdin jaħdmu mal-anzjani, imma l-Kurunell Mallia jista' jgħidilna!

Jien naqbel miegħu li l-iskema tal-iskills card għandha tiġi estiża għall-carers li jaħdmu mal-anzjani. Jew nemmnu li l-anzjani ħaqqhom l-aħjar u ninvestu fit-taħriġ jew se nibqgħu kif aħna b'anzjani li qegħdin isofru fis-silenzju. Fl-aħħar mill-aħħar għandna Università sħiħa ġewwa pajjiżna li anke toffri l-Higher Diploma fil-ġerjatrija u fil-ġerontoloġija. Għandna, mela m'għandniex fejn! U hawnhekk irrid insemmi punt ieħor.

Sur President, il-Gvern jiftaħar ħafna li jikkonsulta imma għandna Gvern li huwa magħruf ukoll li ma jikkomunikax u ma jikkonsultax. Għaliex dan il-Gvern donnu jibża' mill-minjiera ta' data li toħroġ mill-Università, mir-riċerka sħiħa li għandna disponibbli? Inħallsu ħafna konsulenti mbagħad lanqas biss nagħmlu użu mir-riċerka, mill-informazzjoni, mill-istatistika u mid-data li toħroġ mid-Dipartiment tal-Università kull sena.

L-istess ġara fl-istrateġija nazzjonali għad-dimensja li tant hija bżonjuża hekk kif pajjiżna, bħal f'pajjiżi oħrajn, għandna eluf ta' nies ibatu

b'din il-kondizzjoni u eluf oħra li lanqas għadna nafu dwarhom. Kif jista' jkun li għandna Dipartiment fl-Università li saħansitra joffri Masters fl-anzjanità u fid-dimensja u dan id-Dipartiment lanqas biss ġie kkonsultat u kien parti mit-think tank għal din l-istrateġija?

Dan huwa Gvern li jaħseb li jifhem f'kollox u jwarrab lil min jista' jikkontribwixxi daqstant sabiex l-anzjani tagħna jkunu aħjar. Niftaħru li se jkollna strateġija nazzjonali għad-dimensja, imma €200,000 kien il-vot is-sena l-oħra u €200,000 qed jiġi vvotat issa. Taf xi jfisser dan, Sur President? Dan ifisser li jekk nafu bi 8,000 persuna bid-dimensja - u nafu li hemm oħrajn li ma nafux dwarhom - dan il-Gvern qed jinvesti biss €25 fis-sena għal kull persuna. Ejja ma ninsewx li anke l-mediċina għal din il-kondizzjoni hija għolja ħafna.

Ma ninsewx lanqas li dan il-Gvern ma semma xejn dwar din il-mediċina li għandha tiġi sussidjata lill-familji tagħna fi stadju bikri ta' din il-kondizzjoni. Ma ssemma l-ebda investiment fil-Baġit għal ambjent aktar dementia-friendly, postijiet li huma tant bżonjużi fl-ibliet u fl-irħula tagħna jekk verament nemmnu li l-anzjani tagħna għandhom jibqgħu jgħixu fil-komunità. Anke l-isptarijiet u l-kliniċi tagħna għandhom ikunu aktar dementia-friendly. Anke t-trasport għandu jkun aktar adegwat għall-persuni li jbatu bid-dimensja.

Sur President, kont nippretendi li nara vot speċifiku fl-estimi finanzjarji għar-riċerka sħiħa fil-ġerjatrija, fil-ġerontoloġija u fid-dimensja jekk verament irridu li nżidu l-għarfien dwar id-dimensja, jekk irridu nkunu aktar inklużivi u aċċessibbli fil-komunità, jekk irridu nnaqqsu l-inċidenza li persuna tiżviluppa d-dimensja jew li tingħata dijanjosi bikrija biex il-persuna tkun tista' tippjana l-kura u tieħu deċiżjonijiet anke legali waqt li tkun għadha kapaċi tieħu deċiżjonijiet importanti.

F'dan id-dibattitu ma nistax ma nitkellimx ftit dwar ir-Residenza San Vincenz de Paul li hija waħda kbira u jien inqabbilha ma' raħal li għandu l-karatteristiċi tiegħu u trid tieħu ħsiebu skont in-neċessitajiet tiegħu. Huwa importanti wkoll li l-familjari tal-anzjani li għandna f'San Vinċenz de Paul ikunu parti minn din il-familja tant kbira. Jeħtieġ, pereżempju, ikunu kkonsidrati proposti biex jiżdied l-ispazju ta' parkeġġ għall-familji tar-residenti. Irridu nifhmu li l-familja hija element importanti fil-mod kif jgħixu l-anzjani, u anke l-Gvern jaqbillu li l-familji jkomplu jkunu hekk. Għalhekk irridu wkoll nikkonsidraw il-ħteġijiet tagħhom, fosthom dawk ta' aktar parkeġġ. Irridu nifhmu wkoll li ħafna mill-familjari stess huma anzjani u allura ma jistgħux jimxu distanzi twal.

Jien naf nies li saħansitra għandhom il-blue badge u mhumiex qegħdin jitħallew jipparkjaw. Hemm il-parkeġġ li huwa ħdejn is-Sala St Joseph 1 li ngħalaq. Kien hemm żewġ spazji kbar li fihom kienu jipparkjaw il-ħaddiema u anke l-familjari u dan ingħalaq biex ikun jista' jsir proġett ta' ħolqien ta' spazju pedonali għall-anzjani. Dan huwa tajjeb u hekk għandu jkun, imma issa għadda perjodu twil u Alla jbierek ħoss ta' dan il-proġett m'hemmx u saħansitra dan il-parkeġġ għadu magħluq! Veru li ġieli jkollna xi eċċezzjonijiet, għaliex jekk ikun qed jattendi xi attività l-Ministru, hemmhekk ikun miftuħ free for all!

Irridu niftakru li bil-bini tal-kumpless il-ġdid f'San Vincenz in-numru ta' residenti żdied ukoll u għalhekk jeħtieġ isir studju profond dwar il-ħolqien ta' aktar spazju. Dan l-istudju għandu jikkonsidra wkoll il-ħolqien ta' spazji ġodda għar-residenti u fejn jirrikreaw lilhom infushom għaliex nafu li fir-realtà l-uniku spazju li jista' jintuża mir-residenti hija l-pjazza ewlenija ta' quddiem il-kappella fiċ-ċentru tal-kumpless. Hemm spazji li huma kważi mitluqa u li jistgħu jiġu żviluppati għall-benefiċċju tar-residenti.

Tkellimt diversi drabi anke dwar il-ħinijiet tal-ikel tal-anzjani f'San Vincenz li nafu li jingħataw żewġ ikliet; waħda fil-11.15 a.m. u l-oħra fl-4.30 p.m. Għamilna studju biex naraw jekk dan il-ħin huwiex ħin adattat għall-anzjani tagħna? Forsi wieħed jista' jikkonsidra jekk għandhomx jieklu f'ħinijiet imbiegħda aktar minn xulxin. Dawn il-ħinijiet intgħażlu għall-anzjani jew intgħażlu għaliex ikun aktar komdu għal min ikun qiegħed jamministra? Wasal ukoll iż-żmien li jkollna aktar varjetà fl-ikel tal-anzjani. Nifhem li hemm ħafna anzjani li għandhom kondizzjonijiet mediċi differenti li huma kumplessi wkoll, imma rridu nemmnu li l-ikel tajjeb u bnin jista' jkun aktar varjat għall-anzjani tagħna.

Tkellimt diġà fuq il-carers u aċċennajt li bl-ebda mod il-Partit Nazzjonalista mhu qiegħed jgħid li għandhom jitkeċċew il-carers barranin. Din hija biss spin tal-Labour. Jien nemmen ukoll li għandna ħafna u ħafna carers li qed jagħtu servizz

tajjeb imma ejjew naraw ukoll x'inhi r-realtà. In-nuqqas ta' investiment fis-settur tal-caring u tal-infermerija wassal biex naqsu l-Maltin li qegħdin jagħżlu din il-karriera. Konsegwenza ta' dan għandna ħafna anzjani li ma jistgħux jikkomunikaw mal-barranin minħabba l-lingwa.

Għandna anzjani li jitolbu l-għajnuna iżda l-carers ma jifhmuhomx, imbagħad anzjani Maltin li jispiċċaw jagħmluha ta' interpreti fis-swali stess bejn l-anzjani li ma jifhmux bl-Ingliż u l-carers. Intilfet ir-relazzjoni bejn il-carer u l-anzjani li tant hija importanti. Il-carers diffiċli jifhmu r-realtà tal-anzjani tagħna u ftit jistgħu jitkellmu magħhom fuq l-affarijiet li l-anzjani tant għandhom għal qalbhom, fosthom anke l-passat u l-memorji tagħhom. Għandna ħafna carers barranin li qed ikunu jserrħu carers oħrajn, jiġru minn sala għall-oħra, u allura qatt ma jistabbilixxu din ir-relazzjoni mal-anzjani.

It-tmexxija f'San Vinċenz trid tkun aktar attenta u dixxiplinata dwar l-assessjar tar-residenti f'San Vinċenz. M'għandux ikun aċċettat li r-residenti b'kondizzjonijiet differenti jitħallew fi swali mhux addattati għalihom. Nafu x'ġara taħt it-tmexxija ta' Dr Josianne Cutajar fil-każ ta' Carmelo Fino. Minflok ċanfarnieha din ippremjajnieha billi għamilnieha CEO tal-OHSA. Illum għandna tmexxija ġdida u qed nittama u għandi fiduċja li dawn l-iżbalji ma jirrepetux ruħhom. It-tmexxija m'għandhiex iċċedi għall-pressjonijiet. Jien naf li ġieli jkun hemm anke pressjonijiet mill-familjari, imma nemmen li t-tmexxija maniġerjali dejjem għandha tkun fl-interess tar-residenti.

Irrid niġbed l-attenzjoni dwar il-hydropool li hemm f'San Vinenz. Din ilha mibnija inqas minn sentejn u ilha kważi sena ma taħdimx għaliex, Alla jbierek, daħlilha xi ilma. Ejja nagħmlu minn San Vinċenz l-aqwa esperjenza possibbli għall-anzjani tagħna! Ejja nibdew proċess biex San Vinċenz ikun ikkonsidrat aktar bħala home milli bħala sptar. Dan jeħtieġ investiment u konċetti ġodda li jwasslu żgur għal titjib ġenerali u li hu meħtieġ fis-snin li l-anzjani tagħna jgħaddu f'San Vinċenz.

Nixtieq nitkellem ukoll dwar in-nuqqas ta' strateġija minn dan il-Gvern dwar is-solitudni. Minn mistoqsija parlamentari li għamilt lill-Ministru għall-Finanzi jirriżulta bl-aktar mod ċar li f'pajjiżna għandna aktar minn 20,000 anzjan li jgħixu waħedhom. U x'nafu dwarhom dawn, Sur President? Nafu f'liema sitwazzjonijiet qegħdin jgħixu dawn in-nies? Kif se nkunu qegħdin nilħquhom? Kif se nkunu qegħdin noqtlulhom is-solitudni li għandhom? Qegħdin nieħdu ħsiebhom u nipprovdulhom is-servizzi kollha li jeħtieġu u nieħdu ħsieb ukoll is-saħħa mentali tagħhom? Dan il-Gvern m'għandu ebda strateġija dwar is-solitudni.

Nixtieq nitkellem ukoll dwar it-tkaxkir tas-saqajn ta' dan il-Gvern biex jippreżenta liġi li tassew tħares lill-anzjani tagħna minn kull abbuż. Ġewwa pajjiżna għandna diversi abbużi kontra l-anzjani li jikkonsisti f'abbuż fiżiku, abbuż emozzjonali, abbuż materjali u abbuż finanzjarju. Tkellimt diġà wkoll dwar l-abbandun u sfortunatament is-solitudini. Dan l-abbuż nafu li jista' jiġi minn kull lat. Jista' jiġi kemm mingħand tal-familja li jabbużaw mill-persuni anzjani fil-familja tagħhom, jista' jiġi mill-ħbieb, jista' jiġi mill-ġirien u jista' jiġi anke f'każijiet istituzzjonalizzati għaliex anke dawk li huma responsabbli għall-kura tagħhom jistgħu wkoll jabbużaw mill-anzjani tagħna. Aħna għandna obbligu li nkunu qegħdin nipprovdulhom il-protezzjoni. Dan il-Gvern ilu jwiegħed liġi speċifika dwar il-protezzjoni tal-adulti u l-anzjani vulnerabbli sa mill-2018.

Sur President, jien tlabt lill-Ministru jaġġorna lil din il-Kamra dwar din il-liġi u Alla jbierek talabni nirreferi l-mistoqsija tiegħi lill-Ministru Julia Farrugia Portelli. Jien staqsejt lill-Ministru Julia Farrugia Portelli li qaltli li, Alla jbierek, dan l-Abbozz ta' Liġi se jerġa' joħroġ għall-konsultazzjoni. Dan biex naraw kemm dan il-Gvern għandu għal qalbu dan il-qasam! Għadu ma sar xejn dwar kif se nkunu qegħdin nipproteġu lill-anzjani tagħna minn kull abbuż.

Dan il-Gvern m'għandux strateġija lanqas dwar sheltered housing. Għandna bżonn ta' sheltered housing fejn ikunu jistgħu jmorru anzjani biex jinħarġu minn sitwazzjonijiet abbużivi. Anke hawnhekk ma sar xejn. Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali qalli li m'hemm xejn u ma jaf b'xejn, filwaqt li l-Ministru Abela qalli li bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet bejn l-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità u l-Awtorità tad-Djar.

Nixtieq nagħmel l-aħħar kummenti tiegħi dwar il-Kummissarju għall-Anzjani u l-uffiċċju tiegħu. Jekk verament irridu nsaħħu dan l-uffiċċju ma nistgħux aktar nibqgħu nivvotaw €200,000 biss,

u dan meta tikkomparah mal-€1 miljun li jingħata lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tas-Saħħa Mentali. Għandna wkoll il-Kummissarju għat-Tfal li wkoll il-vot tiegħu huwa ta' €340,000. Jekk verament irridu li l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Anzjani jikber, jekk irridu nagħtuh aktar snien, jekk irridu li jkollu r-riżorsi biex jinvestiga l-ilmenti u wkoll jagħmel l-investigazzjonijiet tiegħu u jekk irridu li l-Kummissarju nagħtuh aktar awtonomija u aktar indipendenza, dan il-Gvern irid isostni lil dan l-Uffiċċju u jkabbar ukoll ir-riżorsi tiegħu.

Sur President, sfortunatament skadieli l-ħin u se nkun qed nagħlaq hawnhekk. Kien id-dover tiegħi li nkun, ngħid jien, il-vuċi ta' dawk li m'għandhomx leħen. Inutli niġi hawn u noqgħod niftaħar dwar dak li sar u li sar tajjeb. Imma huwa l-obbligu tiegħi li nara li dak li mhux qiegħed isir u dak li jista' jsir tajjeb ikun qiegħed jittejjeb. Huwa d-dover tagħna li lkoll naħdmu flimkien biex Malta tkun verament pajjiż fejn ir-rispett għad-drittijiet u d-dinjità tal-anzjani jiġu l-ewwel u qabel kollox. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON (Onor. Michael Farrugia):** Rimarki? L-Onor. David Agius.

**ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, grazzi talli ħadt posti għal ftit ħin biex inkun nista' nwassal il-messaġġ tiegħi. Naf li anke inti, Onor. Farrugia, għandek dan is-settur għal qalbek għax inti wkoll kellek mument fil-karriera politika tiegħek li ħadt ħsieb dan is-settur. Nixtieq minn qalbi nibda billi nirringrazzja mhux biss lilek, imma lil kull politiku li ħadem f'dan is-settur. Onor. Paula Mifsud Bonnici, ippermettili li mhux biss nirringrazzja lilek tad-diskors li għadek kif għamilt b'mod tant tajjeb però anke - u naf li m'intix se ssemmih int – lil missierek Dr Antoine Mifsud Bonnici li tant ħadem f'dan is-settur flimkien ma' oħrajn. Fosthom insemmi lil Louis Galea, Helen D'Amato, Francis Agius, John Rizzo Naudi u anke nies min-naħa tal-Gvern preżenti.

Jien naħseb li f'dan il-pajjiż għandna xi ħaġa komuni li lkoll naraw li l-anzjani jkollhom kwalità ta' ħajja aħjar wara li jkunu ħadmu b'tant tbatija tul is-snin ta' qabel ma waslu għall-pensjoni u wara li taw servizz kbir lil dan il-pajjiż. Il-Ministru għandu responsabbiltà fuq spallejh bħalma kellhom dawk kollha li kienu responsabbli minn dan il-portafoll tal-anzjani tagħna biex nagħmlu l-ħajja tal-anzjani tagħna aħjar.

Sur President, missieri ħalla din id-dinja sena u xahar ilu, u niftakar li sakemm kien għadu b'saħħtu, kien baqa' attiv ħafna. Meta anzjan ikun attiv, ikun jista' joħroġ u jagħmel l-affarijiet mingħajr ma jkollu bżonn ħadd, dak l-anzjan iħossu komdu. Però meta mbagħad jibdew ġejjin il-problemi, l-anzjani tagħna jkollhom bżonn l-imħabba tagħna, ikollhom bżonn li nieħdu ħsiebhom u li nagħtuhom lura ftit minn dak li jkunu taw lis-soċjetà tagħna. F'dan il-pajjiż irridu nirringrazzjaw lil min b'imħabba jieħu ħsieb lill-anzjani tagħna meta jiġu f'ċirkostanzi diffiċli fejn ikollhom bżonn lil ħaddieħor.

Jien ma nistax ma nsemmix dipartiment, li huwa l-CommCare, li hemm bżonn li nieħdu ħsiebu dejjem aktar. Dawn imorru fid-djar tal-anzjani bil-qalb u jagħtuhom servizz fid-dar tagħhom. Ejja nieħdu ħsiebhom lil dawn in-nies. Ejja naraw, kif qalet l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, li jekk hemm bżonn inbiddlu xi ħinijiet biex lill-anzjan nagħtuh dik il-kura ftit aħjar, u minflok fis-6.00 a.m. forsi jmorru ftit aktar tard ħalli jkun laħaq beda l-ġurnata tiegħu. Għandna nipprovaw nagħmlu dak kollu li nistgħu. Jien se ngħaqqad dan ma' wieħed mill-argumenti b'saħħithom li għamlet l-Onor. Paula Mifsud Bonnici dwar il-carers.

Sur President, għandna naraw li l-carers, li nsellmilhom minn hawnhekk u nirringrazzjahom tax-xogħol li qed jagħmlu, għandhom ikunu jafu għall-inqas il-Malti bażiku. Hawn qed nirreferi għall-carers barranin. X'qed isir jew x'se jsir biex għall-inqas ikunu jafu l-Malti bażiku bħal: Qed inweġġa', qed tweġġagħni jew tagħfasnix? Dan esperjenzajtu meta kelli lil missieri l-isptar u kien hemm il-barranin jieħdu ħsieb. Hemm minnhom li jagħmlu xogħol b'imħabba, imma f'ħinijiet minnhom lanqas ikunu jafu x'qed jgħidulhom l-anzjani.

Hawn naqbel perfettament ma' dak li qalet l-Onor. Mifsud Bonnici dwar l-iskills cards li għandna bżonn nagħmlu għall-carers. Fost l-iskills għandna nħarrġuhom għall-inqas fil-Malti bażiku. Hawn qed neħodha li dawn jafu x-xogħol tagħhom jiġifieri assolutament mhux qed ngħid li ma jafux ix-xogħol tagħhom. Imma f'mumenti diffiċli ta' ħajjithom, l-anzjani tagħna, għax ma jistgħux jagħmlu dak li kienu jagħmlu qabel,

għandhom isibu lil xi ħadd li verament jifhimhom u jieħu ħsiebhom bil-qalb.

Irrid ngħid ukoll li ma jistax ikun li nqiegħdu lill-anzjani tagħna ġo kmamar mingħajr tieqa. Il-Perit Bezzina li qiegħed hawn jifhem li lanqas bil-liġi ma tista' tagħmilha din, aħseb u ara li għandna kmamar li huma bla twieqi f'dan il-pajjiż fejn jitpoġġew l-anzjani. Jien diġà wassalt dan l-ilment lill-Ministru u ċert li se jieħu ħsieb. L-Onor. Paula Mifsud Bonnici semmiet aktar minn hekk, għax dawn l-anzjani lanqas għandhom bitħa fejn joħorġu.

Dan mhuwiex aċċettabbli, Sur President, u lill-Ministru nassigurah li għandu l-appoġġ totali kemm tiegħi kif ukoll tal-Oppożizzjoni biex jagħmel dak kollu li hemm bżonn biex dawn is-sitwazzjonijiet jitranġaw. Għalhekk, kif qalet l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, għandna bżonn Standards Authority li tkun b'saħħitha biex tgħin f'din il-qlieda. Qed ngħidilha ġlieda għax xi kultant issib reżistenza biex tibdel, u jien m'għandix dubju li hemm djar tal-anzjani anke tal-privat fejn l-affarijiet mhumiex qed isiru bil-mod li wieħed jistenna. Hawn jeħtieġ li nieħdu azzjoni. Tajjeb li jkollna l-public private partnerships (PPPs) imma dawn id-djar partikolari jridu jkunu ta' standard għoli.

Din il-kollaborazzjoni bejn il-privat u l-Gvern permezz tal-PPPs inbdiet minn Gvernijiet Nazzjonalisti, bħalma nbdew it-Telecare, il-Handyman Service u l-Meals on Wheels. Irranġajna u bdejna nagħtu dehra ġdida lir-Residenza San Vinċenz de Paul u bdejna wkoll djar tal-anzjani mal-privat. Dawn huma affarijiet tajbin li għandna nkomplu naħdmu fuqhom, bħalma huwa tajjeb li x-xogħlijiet fid-Dar ta' Bormla jkomplu għaddejjin. Hawnhekk nappella lill-Ministru tal-Finanzi biex jalloka l-fondi li hemm bżonn. Huwa hawn fejn trid tagħti l-flus għall-kura tal-anzjani u mhux lill-ħallelin tal-Vitals u ta' Steward, anzi rkupraw il-flus li ħadulna ħalli nużawhom għall-bżonnijiet tal-anzjani. Flus li jintnefqu għal dan il-għan inberikhom bil-qalb kollha.

Onorevoli Membri ta' din il-Kamra, immaġinaw ftit x'konna nistgħu nagħmlu b'dawk il-flus li tajna lil dawk il-ħallelin u korrotti ta' Vitals u Steward! Stajna rranġajna l-Isptar Karin Grech jew l-Isptar San Luqa. Kemm kienet tkun aktar faċli l-ħajja mhux biss tal-Ministru imma anke tal-anzjani tagħna kieku għandna l-Isptar San Luqa u l-Isptar Karin Grech f'kondizzjoni aħjar milli jinsabu fiha. Dan iwassalni biex nenfasizza l-importanza li l-flus tal-poplu Malti nonfquhom u nużawhom tajjeb u ma nagħtuhomx lil min m'għamel xejn minn dak li suppost kellu jagħmel. L-Oppożizzjoni lesta toffri l-għajnuna kollha biex inġibu dawn il-flus lura, li dawn il-ħallelin u korrotti ta' Vitals u ta' Steward nefquhom fin-Netflix, fil-lukandi, fil-karozzi lussużi u fil-vaganzi li ħadu, u nużawhom għal xogħlijiet ta' rinnovar u attrezzament fl-isptarijiet Karin Grech u San Luqa għall-benefiċċju tal-anzjani tagħna.

Jien nieħu pjaċir li nagħtu żieda lill-anzjani tagħna, imma fl-istess ħin irridu nkunu korretti mal-anzjani tagħna, u se ngħid għaliex, Sur President. Għedna li tajna €15 fil-ġimgħa lill-anzjani tagħna meta ż-żieda għall-għoli tal-ħajja kienet ta' €12.81. B'matematika sempliċi, jekk minn €15 li tajna lill-anzjani tneħħi dawn it-€12.81, iż-żieda hija ta' €2.19. Fil-Baġit il-Ministru tal-Finanzi qagħad iqabbel maż-żmien ta' Gvern Nazzjonalista. Ħalli nfakkar ftit x'ġara fi żmien Gvern Nazzjonalista fl-2008 meta l-għoli tal-ħajja kien biss €1.16 u ma kellniex l-għoli tal-ħajja li għandna llum. Dakinhar il-Partit Nazzjonalista fil-gvern kien ta żieda ta' €2.83. Illum, b'għoli tal-ħajja ta' €12.81, iż-żieda hija biss ta' €2.19. Hawnhekk wieħed jirrealizza kemm dakinhar l-anzjani marru aħjar. Illum se jingħataw żieda ta' 17% meta fl-2008 ħadu żieda ta' 200%. Hekk jagħmel min għandu verament għal qalbu lill-anzjani tagħna. Biex tassew iż-żieda tirrifletti r-rata tal-għoli tal-ħajja preżenti, lill-anzjani jridu jagħtuhom €12 oħra.

Ngħid ukoll li llum l-anzjani jieħdu ż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja għaliex kien Gvern Nazzjonalista ta' Dr Lawrence Gonzi fil-Baġit tal-2008 li ta ż-żieda sħiħa tal-għoli tal-ħajja. Kieku din il-miżura ma saritx, kieku llum l-anzjani ma kenux jieħdu €12.81 imma kienu jieħdu żewġ terzi ta' dik ir-rata. Dik il-miżura tkompliet mill-Gvernijiet li ġew wara, u dan hu tajjeb.

Sur President, nixtieq nitlob lill-Ministru jagħtina ftit informazzjoni dwar l-intestatura 1880 taħt it-taqsima ta' dħul fl-Estimi Ġenerali. Skont dawn il-figuri, fl-2020 minn djar u istituzzjonijiet għall-anzjani l-Gvern kellu dħul ta' €29.4 miljun, l-istima għas-sena 2023 kienet ta' €29 miljun u għas-sena d-dieħla l-Gvern qed jistma li se jdaħħal €36 miljun, jiġifieri €6.6 miljun aktar,

żieda ta' €22 fuq kull €100 aktar. Nixtieq li l-Ministru jispjega minn fejn se tiġi din iż-żieda. Se nieħdu aktar mill-pensjoni tal-anzjani jew hemm xi ħaġa oħra li jien mhux qiegħed nara?!

Il-Ministru qal ukoll li s-sena d-dieħla lil dawk il-pensjonanti li twieldu qabel l-1962 se jagħtihom żieda fil-pensjoni. Kemm? Lil min? Mis-57,000 pensjonant li għandna, għaliex se jibbenefikaw 10,000 biss? U jekk il-Ministru jrid li l-anzjani tagħna jmorru 'l quddiem, għaliex għandu deċiżjonijiet min-naħa tal-Ombudsman li fil-31 ta' Ottubru, 2022 qal ċar u tond li ċerti nies għandhom raġun u għandhom jingħataw il-pensjoni tat-Teżor, u dan sal-lum għadu ma ngħatalhomx? Qed nirreferi għall-każ T/O255, Għaliex qed nagħmlu hekk? Biex nitfgħu aktar nies fir-riskju tal-faqar? Fir-riskju tal-faqar mhux qed ngħidu jien, Sur President, imma qed jgħidu stħarriġ tal-Unjoni Ewropea, u għadni ma smajt lil ħadd jgħid li dan mhuwiex minnu. Fl-Istatistics on Income and Living Conditions, li għandi kopja tiegħu hawnhekk, jingħad li żdiedu l-anzjani ta' 65 sena u aktar li huma f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. Hawnhekk jidher li l-ammont ta' anzjani f'din il-kategorija minn 29.9% fl-2021 tela' għal 33.3% fl-2022.

Xi kultant jgħidulna biex ma nsemmux figuri imma nagħtu persentaġġi. Iva, l-anzjani li qegħdin f'riskju ta' faqar żdiedu minn 29.9% fl-2021 għal 33.3% fl-2022. Issa nistennew ukoll ta' din is-sena kemm se jkun. Dan ifisser 31,586 anzjani f'riskju ta' faqar. Dan mhux qed ngħiduh aħna n-Nazzjonalisti jew David Agius, imma qed tgħidu l-istatistika tal-Unjoni Ewropea. F'dan iċ-ċokon ta' pajjiż għandna 102,834 persuna f'riskju ta' faqar. Hemm 19,000 taħt it-18-il sena, hemm 51,700 ta' l-età minn 18-il sena sa 64 sena u hemm 31,586 ta' 'l fuq minn 65 sena. Dan sas-sena li għaddiet, l-2022, għax din is-sena wkoll kellna għoli tal-ħajja qawwi. Din l-istatistika turi li wieħed minn kull tliet anzjani f'pajjiżna huwa f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali. Dan jinkwetani għaliex ifisser li f'dan il-pajjiż fadlilna ħafna u ħafna x'nagħmlu.

Irridu naraw li r-riżorsi finanzjarji ta' dan il-pajjiż jintużaw biex l-ewwel nett nagħmlu dak li wiegħed il-Partit Laburista, jiġifieri li neradikaw il-faqar. Bħala wegħda ċara lill-poplu Malti u Għawdxi l-Partit Laburista kellu jeradika l-faqar. Dawn il-figuri juru biċ-ċar li l-Gvern mhux biss ma rnexxilux jeradika l-faqar, iżda li l-faqar żdied. Ejjew nieħdu ħsieb l-anzjani tagħna f'dawn il-mumenti fejn verament qegħdin ibatu.

L-anzjani tagħna rridu nieħdu ħsiebhom. F'dawn il-ġranet ix-xitwa tibda dieħla u l-bard jibda jagħmel tiegħu, u ma rridux li jkun hawn xi ħadd li jixtieq iqabbad ftit l-air conditioner jew inkella jarma l-Christmas tree u forsi ma jkunx jaffordja. Hekk jixhdu s-sondaġġi li kellna dan l-aħħar. Lill-anzjani tagħna rridu nieħdu ħsiebhom billi ma nisirquhomx fil-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Dan qed ngħidu għax  għalkemm saru ċerti aġġustamenti fil-kontijiet, xorta għad hemm serq fil-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

Rigward l-edukazzjoni ta' uliedna, kulħadd irid jagħmel il-parti tiegħu biex jieqfu l-istrikes u l-għalliema tagħna jkollhom l-aqwa kondizzjonijiet għaliex l-anzjani tagħna jieħdu pjaċir jaraw lit-tfal tat-tfal tagħhom jikbru b'livell għoli ta' edukazzjoni. Irridu naraw li d-droga tonqos minn dan il-pajjiż u mhux tiżdied, ħalli l-anzjani tagħna jserrħu rashom li uliedhom u ulied uliedhom ma jgħaddux minn ċirkostanzi diffiċli bħalma qed jgħaddi minnhom illum min għandu problema ta' droga. Irridu kemm jista' jkun nevitaw li jkollna każi bħalma kellna ta' Bernice Cassar. L-anzjani tagħna ma jiħdux pjaċir b'sitwazzjonijiet, li għadhom għaddejjin sal-lum, li min ikun għaddej minn problema ta' vjolenza domestika jkollu l-każ tiegħu differit kemm-il darba, mhux għal Jannar tas-sena d-dieħla, lanqas għall-Milied tas-sena d-dieħla, imma għal Jannar tal-2025! Kif jista' jkun inserrħu ras l-anzjani tagħna meta jaraw lil uliedhom għaddejjin minn dawn id-diffikultajiet?

Sur President, is-servizzi soċjali għandna nużawhom fejn l-aktar hemm bżonn, imma ċertament mhux bl-abbuż u frodi tal-benefiċċji soċjali. 'Il fuq minn €2 miljun ġew misruqa minn ħalq min l-aktar li għandu bżonn. Dawk iż-€2 miljun kellhom imorru għand l-anzjani tagħna biex ikollhom l-aqwa kondizzjonijiet għaliex l-ekonomija għandha tkun għall-benefiċċju tal-bniedem u mhux tal-bniedem għall-ekonomija.

Qabel nikkonkludi d-diskors tiegħi rrid ngħid li naqbel mal-proposta tal-Onor. Paula Mifsud Bonnici li għandu jkollna liġi li tipproteġi lill-anzjani tagħna mill-abbuż, mill-vjolenza u minn min irid b'kull mod japprofitta ruħu mid-dgħufija tal-anzjani tagħna minflok ma jkun ta' sostenn u wens għalihom. Dwar dan aħna lesti li flimkien nikkoperaw mal-Ministru. Ejja nqanqlu ħrara fiż-

żgħażagħ tagħna biex lill-anzjani dejjem juruhom rispett u mħabba, biex l-anzjani tagħna jkollhom il-wens li verament jixirqilhom. Aħna lkoll qegħdin hawnhekk illum grazzi għal dawk l-anzjani li ġew qabilna, u għalhekk għandna nkunu grati lejhom. Xogħolna bħala politiċi hu li lill-anzjani tagħna nroddulhom lura ftit mill-ħafna li tawna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Alex Borg.

**ONOR. ALEX BORG:** Sur President, l-anzjani tagħna, missirijietna, ommijietna, dawk kollha li ġew qabilna, huma persuni li bnew il-pedament tan-nazzjon tagħna. Huma l-persuni li rawmu l-istorja tagħna, li bnew ir-reputazzjoni ta' pajjiżna u aħna fil-Parlament Malti obbligati naħdmu għalihom. Irridu nwasslu l-messaġġ tagħhom biex nassiguraw li dawn ikollhom is-serħan il-moħħ li jgħixu ħajja ta' kwalità tajba u l-bqija ta' ħajjithom serħana u serena.

Jien bħala kelliem għal Għawdex min-naħa tal-Oppożizzjoni rrid insemmi ċerti punti li ħafna anzjani Għawdxin isemmu miegħi kważi ta' kuljum meta nkun qed indur id-djar, il-pjazez u l-każini tagħna. Huwa l-obbligu tiegħi li nsemmi dawn il-punti f'din il-Kamra llum. Ovvjament ma nistax nitkellem fuq Għawdex u fuq l-anzjani tagħna u ma nsemmix l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Nafu x'ġara f'dawn l-aħħar xhur u f'dawn l-aħħar snin dwar tliet sptarijiet prinċipali ta' pajjiżna li ngħataw mill-Gvern lill-privat b'konċessjoni. Kien hemm wegħda u obbligu li dawn jinvestu fi tliet sptarijiet ġodda u jżidu s-servizzi fuq dawk li hemm biex jiggarantixxu servizz tas-saħħa eċċellenti, iżda mhux hekk ġara.

Kif kulħadd jaf li ftit tal-ġimgħat ilu ħarġet sentenza b'saħħitha, kemm mill-Qorti fl-ewwel sentenza kif ukoll mill-Qorti tal-Appell, li turina kif f'din il-konċessjoni kien hemm kompliċità bejn persuni għolja fil-Gvern Laburista u Vitals u Steward Healthcare u dawn qarrqu bil-poplu Malti u Għawdxi. Dawn ma taw xejn lura għall-€400 miljun li ttieħdu minn ħalq il-poplu Malti u Għawdxi. Dawn kienu €400 miljun li ttieħdu minn fuq is-saħħa tal-poplu Malti u Għawdxi.
Jien jiddispjaċini nara dan għax speċjalment l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex hu l-uniku sptar li għandna fil-gżira Għawdxija li ħafna anzjani jridu jagħmlu użu minnu. Jekk ma jkollokx is-servizzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħek fl-isptar, ħafna anzjani jkollhom jaqsmu kważi ta' kuljum lejn Malta biex jiġu offruti s-servizzi f'Malta, u hekk qed jiġri. Illum fis-sena 2023 mhuwiex aċċettabbli li jkollok anzjani li minn Għawdex iridu jaqsmu lejn Malta minħabba nuqqas ta' servizzi li hemm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Irridu niftakru minn fejn bdejna meta ngħatat il-konċessjoni oriġinarjament lil Vitals Global Healthcare u mbagħad lil Steward Health Care fejn kellna wegħda li l-Isptar ta' Għawdex se jiżdied b'400 sodda, se jkollna servizzi ta' eċċellenza, u se jkollna kollox ġo fih biex żgur ma jkunx hemm għalfejn li, speċjalment l-anzjani tagħna, jaqsmu lejn Malta minħabba s-servizzi tas-saħħa. Fortunatament l-Oppożizzjoni ħadmet bis-sħiħ għal pajjiżna u verament iġġieldet biex terġa' ġġib lura l-isptarijiet f'idejn il-poplu Malti u Għawdxi. Ġibna riżultat pożittiv fil-kawżi tal-Vitals u Steward għall-poplu Malti u Għawdxi, għaliex fl-aħħar mill-aħħar meta nitkellmu dwar is-saħħa tal-poplu m'hemmx kuluri, m'hemmx politika ta' Laburist u Nazzjonalist, imma hija xi ħaġa li teffettwa lil kull min jagħmel użu mis-servizzi offruti.

Sur President, issa huwa obbligu tagħna li dak li ġie mwiegħed kemm minn Vitals kif ukoll minn Steward Healthcare u issa dak li qed jiġi mwiegħed mill-Gvern, li f'Għawdex ikollna sptar totalment ġdid kif suppost, isir u jitwettaq. Fl-aħħar mill-aħħar huwa l-obbligu tal-Gvern li dak li jwiegħed iwettqu, però kienet ħasra li lbieraħ id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa  Chris Fearne waqt il-ħin tal-mistoqsijiet ammetta li l-pjanijiet huma li l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex se jkun iżgħar minn dak li kien ippjanat taħt Vitals u Steward Healthcare.

Apparti minn hekk, meta nitkellmu dwar l-anzjani ġewwa Għawdex, kollha jsemmuli l-problema li għandna bir-raba' vapur li ġabilna Gvern Laburista, il-famuż  MV Nikolaos. Dan qed inħallsu kważi €14,000 kuljum għalih, apparti n-nefqa fuq il-fuel, imma minkejja dan, l-MV Nikolaos għandu problema ta' nuqqas ta' aċċessibbiltà għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità. Dan ukoll huwa inaċċettabbli li fis-sena 2023 ikollok vapur li mhuwiex aċċessibbli għall-persuni kollha. Qed inħallsu dawn l-eluf kollha ta' kuljum, ġejna mwiegħda, baġit wara l-ieħor, li l-Gvern se jinvesti fir-raba' vapur totalment ġdid, imma s'issa ma rajna xejn. Mhux

talli ma rajna xejn, talli f'dan il-Baġit għas-sena d-dieħla lanqas biss jissemma r-raba' vapur ġdid. Dan ifisser li għandna Gvern li huwa ferħan bir-raba' vapur li għandna fil-preżent, li huwa l-famuż MV Nikolaos!

Apparti minn hekk, il-gżira Għawdxija għandna wkoll il-kwestjoni tal-kriminalità li bir-raġun qed tinkwieta lill-anzjani tagħna li jkunu fid-djar tagħhom. Matul dawn l-aħħar xhur kien hemm gideb min-naħa tal-Gvern u anke attakki fuqi minħabba dak li qed nikxef dwar dak li qed isir ġewwa Għawdex. Issa jiena kont qed inwassal dak li jgħiduli r-residenti Għawdxin u l-poplu Għawdxi. Wara kollox, jien ma nkunx qed nitkellem fl-arja imma nkun qed inwassal il-weġgħa tal-poplu Għawdxi.

Il-kriminalità qed tinkwieta lill-anzjani tagħna li fl-aħħar mill-aħħar kulma jridu hu li jistrieħu f'darhom u jgawdu l-familja b'moħħhom mistrieħ. Is-serq mid-djar, il-ġlied fit-toroq tagħna kif ukoll it-traffikar tad-droga fil-gżira Għawdxija żdiedu matul dawn l-aħħar snin, u kemm il-Gvern kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex qegħdin jirreaġixxu għal dawn ir-realtajiet li għandna ġewwa l-gżira Għawdxija. Il-Gvern mhuwiex qed jagħti s-support li hemm bżonn lill-Korp tal-Pulizija. Meta tara hekk tinduna li l-Gvern huwa maqtugħ mir-realtajiet li għandna ġewwa l-gżira Għawdxija.

Hemm bżonn li ġewwa Għawdex insaħħu s-sigurtà u nagħtu s-sapport lill-Korp tal-Pulizija. Fl-aħħar mill-aħħar ma nistgħux nibqgħu nqisu l-Korp tal-Pulizija ġewwa Għawdex bl-istess mod li nqisu l-Korp tal-Pulizija ġewwa Malta, għaliex Għawdex trid taħdem b'dak li għandek. F'Għawdex għandek l-insularità doppja li trid taħdem bir-riżorsi umani li għandek. Ma tistax taħdem bħal Malta, fejn meta jkollok nuqqas f'distrett ta' pulizija mill-ewwel iġġib pulizija ieħor minn distrett ieħor. Għawdex aħna gżira ġo gżira u rridu naħdmu b'dak li għandna. Lill-anzjani tagħna li jgħixu fi djarhom li ma jistgħux jitħarrku bil-mod kif jixtiequ minħabba l-kriminalità rridu nagħtuhom il-garanziji u s-serħan il-moħħ li hemm bżonn biex ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu ħajja serena fi djarhom.

Huwa pass tajjeb li l-pensjonijiet tal-anzjani se jiżdiedu bi €15 fil-ġimgħa, li hija xi ħaġa pożittiva, għaliex fl-aħħar mill-aħħar kull żieda hija għajnuna għall-anzjani tagħna, għalkemm kif għadu kif qal il-kollega tiegħi l-Onor. David Agius, minn dawn trid tnaqqas dak li ngħata għall-għoli tal-ħajja. Illum il-ġurnata għandek l-għoli tal-ħajja li qiegħed €12.81ċ fil-ġimgħa, u jekk dawn tnaqqashom mill-€15 fil-ġimgħa, iż-żieda se tiġi tammonta għal madwar €2 fil-ġimgħa li żgur mhux se tgħinhom fil-ħajja tagħhom. Għalhekk irridu nkunu realistiċi u naraw fejn aħna bħalissa, naraw l-għoli tal-ħajja f'pajjiżna fejn qiegħed u verament nagħtu għajnuna li hija reali u li se timbotta lill-anzjani tagħna u tippermettilhom jgħixu ħajja serena kif suppost.

Fl-aħħar nett irrid nitkellem fuq l-ispazji miftuħa ġewwa Għawdex li fil-maġġorparti tagħhom jagħmlu użu minnhom kemm il-familji kif ukoll l-anzjani tagħna matul il-ġurnata. Għandna Gvern li qed jgħid li lill-anzjani se jiggarantilhom kwalità ta' ħajja tajba, però sfortunatament fil-gżira Għawdxija kważi m'għandna xejn. Mhux talli m'għandna xejn, talli kellna eżempju ċar matul dawn l-aħħar xhur kif Gvern Laburista baqa' għaddej romblu minn fuq ir-residenti ta' Taċ-Ċawla u ħadilhom l-uniku spazju miftuħ li kellhom hemmhekk. Lill-anzjani ma ħallielhom l-ebda post fejn jistgħu jgawdu lill-familja tagħhom, joħorġu u jgawdu t-tfal tat-tfal tagħhom u injora kull twissija li kien hemm mir-residenti. Ġbarna petizzjonijiet, bqajna għaddejjin fuq il-midja, għamilna anke konferenzi stampa dwar din is-sitwazzjoni, però Gvern Laburista injora din is-sejħa.

Sur President, lill-anzjani tagħna rridu nagħtuhom it-tama u s-serħan il-moħħ fil-ħajja li jkun baqgħalhom. Irridu nagħtuhom l-affarijiet bażiċi biex ikunu jistgħu jgħixu ħajja sempliċi u serena mingħajr tfixkil. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Stephen Spiteri.

**ONOR. STEPHEN SPITERI:** Sur President, qegħdin niddiskutu l-Ministeru relatat mal-anzjanità attiva fejn jidħol il-Baġit għas-sena 2024. L-anzjanità attiva huwa appellattiv li jixraq għaliex kemm jista' jkun l-għan tagħna l-politiċi hu li naslu biex tassew ikollna anzjani attivi. Imma biex ikollna anzjani attivi rridu ninvestu f'servizzi aħjar, f'kura aħjar, f'riżorsi umani aktar professjonali kif ukoll f'infrastruttura li tilqa' għall-isfidi f'dan is-settur. Irridu nindirizzaw mhux l-immedjat biss iżda anke l-futur b'mod speċjali f'dan il-qasam.

Issemmiet id-dementia. Kif nafu issa ġiet imnedija konsultazzjoni pubblika biex naraw il-bżonnijiet ta' pajjiżna f'dan ir-rigward. Nafu li aktar ma persuna tgħix aktar hemm ċans li tiżviluppa kondizzjonijiet bħal dawk tad-dementia, il-Parkinsons Disease u mard fiżiku ieħor li jiżdied. Hemm ukoll il-mard relatat mas-saħħa mentali u l-fenomenu li qed naraw ta' solitudni fl-anzjani tagħna li jrid jiġi indirizzat b'mod b'saħħtu, b'riżorsi umani li mhux jinteressaw biss ruħhom fis-suġġett, imma jkunu dedikati f'dan il-qasam. Irridu naraw kif nipprevjenu ħafna minn dawn il-kondizzjonijiet biex innaqqsu l-piż kemm finanzjarju, kemm fiżiku kif ukoll dak relatat, kif diġà spjegajt, mas-saħħa mentali.

Irridu nifhmu li meta nkunu qed nitkellmu dwar l-anzjani tagħna, parti sostanzjali mill-infiq tagħhom tmur biex iżommu s-saħħa tagħhom kemm jista' jkun tajba. Għalhekk f'din il-Kamra rridu nkunu responsabbli u nassiguraw li f'baġit bħal dan ikun hemm tassew infiq dedikat għall-bżonnijiet ta' dawn l-anzjani. Irridu nifhmu li ħafna minn dawn l-anzjani tagħna li llum jissejħu pensjonanti kellhom dħul differenti qabel daħlu fl-isfera tal-pensjoni. Irridu nifhmu wkoll li hemm ukoll anzjani li għandhom piż finanzjarju ieħor jekk qegħdin jgħixu fil-kirjiet. Nafu kemm il-kirjiet għoljin tal-lum ġewwa pajjiżna qed jaffettwaw il-ħajja ta' dawn l-anzjani.

Dan kollu li semmejt joħloq kumpless li rridu nifhmuh biex nindirizzaw dawn il-problemi. Irridu naraw kif l-anzjani tagħna fil-komunità jkollhom is-sapport meħtieġ b'riżors uman imħarreġ. Hemm bżonn ukoll nattiraw aktar riżors uman għall-isfidi li pajjiżna se jiffaċċja. Meta nitkellmu fuq popolazzjoni li qed tixjieħ irridu naraw kif tassew ikollna l-iffinanzjar ta' infrastruttura b'saħħitha. Kif qalet il-kollega tiegħi qabli l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, rajna ħafna djar tal-anzjani jingħalqu u dan ħoloq iffullar fi djar residenzjali oħra tal-anzjani. Illum għandna lista ta' stennija ta' anzjani li tassew ħaqqhom jidħlu f'residenzi għaliex m'għadhomx kapaċi jgħixu fil-komunità li qed ikollhom jistennew ix-xhur. Dan huwa ta' piż mhux biss fuq l-anzjani nfushom imma wkoll fuq saħħithom u fuq il-kwalità ta' ħajja li jgħixu.

Għandna anzjani li jgħixu f'darhom mingħajr is-sapport meħtieġ kważi l-ġurnata kollha għaliex il-qraba tagħhom jaħdmu – u hekk għandu jkun – u ma jistgħux jieħdu ħsiebhom. Dawn ikunu waħedhom f'ħafna mill-ħin tal-ġurnata meta mhumiex kapaċi jsajru għall-ġurnata jew imorru jixtru l-bżonnijiet tagħhom. Għalhekk irridu noħolqu anke hawnhekk infrastruttura b'saħħitha li tkopri dawn il-bżonnijiet.

Issemma l-Isptar San Luqa u jien se nsemmi wkoll l-Isptar Karin Grech li kienu mwegħdin li se jkunu parti mill-infrastruttura għas-saħħa u għall-anzjani tagħna. Nafu x'ġara dwar dawn l-isptarijiet, u n-nuqqas ta' dan qed jinħass anke fil-qasam tal-anzjani tagħna. Ir-Rehabilitation Unit ġewwa l-Isptar Karin Grech ma jistax ilaħħaq mal-bżonnijiet li hemm. Dan minbarra li m'għandniex spazji aktar biex dak li jkun jingħata trattament jew servizz fit-tul. Hemm anzjani li jkunu għaddew minn operazzjoni jew trattament fl-isptar li jkollhom bżonn riabilitazzjoni jew kura fit-tul fi sptar li jieħu ħsieb il-long-term management, imma dawn qed jispiċċaw id-dar anke waħedhom għaliex m'hemmx spazju. Irridu nibagħtuk id-dar illum qabel għada!

Sur President, b'dan il-mod m'aħniex naslu għall-aħjar kwalità u l-aħjar servizz f'dan il-qasam. Hemm bżonn ta' infrastruttura adegwata li tlaħħaq mad-domanda li qiegħda tikber. Irridu naraw li l-anzjani tagħna jlaħħqu mal-ispiża għall-mediċini li għandhom bżonn. Mhux billi ngħidu li qed nagħtu l-mediċini bla ħlas fuq il-formularju. Huwa tajjeb li nagħtu mediċini ġeneriċi u hekk għandu jkun, imma dawn għandhom ikunu mediċini ta' kwalità, mediċini ġeneriċi li jagħtu riżultat. Mhuwiex ġust li għandek porzjon mhux żgħir ta' anzjani li jieħdu dan it-trattament relatat mas-saħħa mentali u għaliex ma jistgħux jixtru l-mediċini li huma l-aħjar u li jagħtu l-aħjar riżultat ikollhom jieħdu dak li hemm fuq il-formularju. Le, dan mhuwiex ġust!

Mhux ġust lanqas li għandna lista ta' stennija fl-operazzjonijiet fl-Isptar Mater Dei għaliex aħna bqajna bi sptar wieħed. Aħna ilna ngħidu li bil-popolazzjoni kif kibret u bil-kuxjenza tas-soċjetà tagħna li tħares saħħitha – u hekk għandu jkun – għandna bżonn aktar minn sptar wieħed. Hemm lista ta' stennijia ta' anzjani biex isirilhom hip jew knee replacement li tieħu x-xhur jekk mhux is-snin. M'għandux ikun li nies fl-aħħar fażi ta' ħajjithom inħalluhom bl-uġigħ jistennew u jittamaw li xi darba se tasal din l-operazzjoni. Irridu naraw kif nirranġaw dawn l-affarijiet u

mhux billi nitkellmu dwar il-patient's charter. Huwa tajjeb li nitkellmu dwar il-patient's charter u tajjeb li jkollna dokument fuq il-patient's charter, imma jrid ikun attwat u rridu naraw kif se nużawh, u dan il-Gvern huwa responsabbli għal-listi ta' stennija anke f'dan il-qasam.

Sur President, jekk dawn l-anzjani fadlilhom ftit snin ħajja għaliex m'għandniex ngħinuhom biex dawn il-ftit snin jgħadduhom kif suppost, bi kwalità ta' ħajja tajba anke billi jkollhom saħħithom kif suppost? Qed nitkellem dwar il-kura sekondarja, meta wieħed imur biex jinqeda fl-isptar tagħna. Irridu nifhmu li dawn il-pensjonanti - għaliex meta titkellem dwar l-anzjani awtomatikament se titkellem dwar pensjonanti – mhux kollha jaffordjaw li jieħdu kura fil-privat, mhux kollha għandhom l-aċċess biex jarahom konsulent fil-privat, mhux kollha saħansitra jistgħu jaffordjaw it-tabib tal-familja fil-privat. Fuq in-naħa l-oħra tal-Kamra qed nara kollega ieħor tiegħi li jaħdem fil-kura primarja. Anke fil-kura primarja l-anzjani tagħna għandu jkollhom dak li ngħidulu l-kontinwazzjoni ta' trattament u mmaniġġjar, għaliex iċ-ċentri tas-saħħa loġistikament dan ma jistgħux jagħtuh. Dan għaliex l-anzjani llum isibu tabib u l-għada jinbidel ix-xift u jsibu tabib ieħor. Dan nifhmuh u hekk għandha taħdem is-sistema fiċ-ċentri tas-saħħa, imma x'differenza meta jkollok it-tabib tal-familja tiegħek li jkun jaf l-istorja, il-kura tiegħek u l-immaniġġjar tiegħek, u jkun jaf ukoll il-passat tiegħek fis-saħħa. Ejja naslu għal hemm!

Il-Prim Ministru m'ilux qal li niggarantixxu t-tabib kuranti lill-anzjani tagħna anke fil-komunità. Dak li qed ngħid jien bħalissa jibni fuq dak li qal il-Prim Ministru. Fil-proposti tagħna qabel l-elezzjoni li għaddiet jien kont semmejt ukoll li nistgħu noħolqu sistema fejn l-anzjani tagħna jkomplu jinqdew bit-tabib tal-familja tagħhom anke jekk ma jaffordjawx b'mod finanzjarju ħalli jkollhom kontinwazzjoni ta' trattament kif jixraq. Hemmhekk irridu naslu jekk irridu naraw anzjanità attiva, jekk irridu naraw titjib fil-kwalità tas-saħħa fost l-anzjani tagħna. Irridu naraw li l-kura u s-servizzi fid-djar tal-anzjani, inkluż ġewwa r-Residenza San Vincenz de Paul, ikunu adattati, friendly u tassew jilqgħu għall-problemi ta' dawn l-anzjani li għandhom firxa wiesgħa ta' kondizzjonijiet.

Ġie rrimarkat ukoll li għandna naddattaw aktar sistemi individwalizzati avolja għandna komunitajiet jgħixu ġo dawn id-djar. Ftit tal-ħin ilu ntqal li fir-Residenza San Vincenz de Paul għandna villaġġ. Irridu naraw anke fejn jidħol l-ikel li jingħata. Hawn m'iniex qed nitkellem dwar il-livell ta' ikel li jingħata imma dwar ikel li jkun addattat għall-kondizzjonijiet speċifiċi mediċi ta' dawn l-anzjani jew pazjenti għaliex ikunu jbatu fl-istess waqt minn kondizzjonijiet mediċi u kroniċi oħrajn. Ma jistax ikollna one-size-fits-all. Għandu jkollna addattament anke fid-dieta meta jidħol it-trattament ta' kondizzjonijiet mediċi fost l-anzjani tagħna li qegħdin fir-residenzi. Irridu naraw li naslu hemm jekk irridu tassew inwettqu dak li nipprietkaw li lill-anzjani tagħna rriduhom jgħixu ħajja aħjar.

Irridu naraw kif mhux biss nattiraw aktar healthcare workers. Dawn ma tattirahomx b'xejn imma tattirahom billi jkun hemm inċentivi. Matul dawn l-aħħar snin l-isfidi relatati mal-anzjanità kibru. Fost oħrajn ma sibniex ħaddiema biżżejjed f'pajjiżna u kellna nġibu l-barranin biex jieħdu ħsieb l-anzjani tagħna. M'għandi xejn kontra li jiġu jaħdmu l-barranin f'pajjiżna, però rridu nassiguraw li jkunu ta' livell, li jkunu professjonisti, li jkunu għaddew minn ċertu ittestjar, li jkollhom il-livell ta' edukazzjoni xierqa u li jkunu jafu jikkomunikaw mal-anzjani tagħna. Ħafna drabi qed tinħoloq diffikultà f'dik li hi komunikazzjoni.

Irridu naraw li jkollna l-eċċellenza f'dan il-qasam biex verament nagħmlu l-ħajja aħjar għall-anzjani tagħna. Fejn tidħol l-anzjanità attiva, il-kura u s-servizzi tal-anzjani l-politiku ma jridx iħares biss lejn l-immedjat. Ma rridux inħarsu biss lejn il-voti ta' dan il-Baġit fl-immedjat għaliex jekk hemm settur u qasam li fih sfidi fit-tul u jeħtieġ ippjanar fit-tul u viżjoni fit-tul huwa dan il-qasam. Dan għaliex qed naraw li d-dinja qiegħda tinbidel aktar ma n-nies jgħixu fit-tul.

Biex ikollna livell ta' kura u servizzi adegwati hemm sfidi li jeħtieġ li nieħdu ħsiebhom, fosthom dawk ta' infrastruttura u ta' riżors uman adegwati. Hemm ukoll sfidi ta' mediċini ġodda li qed naraw fis-suq li s'issa għadhom mhux qed jingħataw fuq il-formularju tal-Gvern. Ejja nilqgħu għal dawn l-isfidi biex inkomplu nirrispettaw u nħarsu lil dawn l-anzjani tagħna. Wara kollox l-anzjani t'għada huma aħna stess. Grazzi. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-ħin li fadal

huwa kollu tal-Gvern. Aktar rimarki? L-Onor. Michael Farrugia.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Sur President, is-settur tal-anzjani mhuwiex biss is-servizzi li nagħtu fid-djar tal-anzjani, fosthom ir-Residenza San Vincenz de Paul u postijiet oħrajn, imma hija l-kwalità ta' ħajja li pensjonant jgħix ukoll ġewwa daru. Tista' tgħid kważi l-pensjonanti kollha huma anzjani. Il-pensjonanti se jkunu qed jieħdu żieda ta' €15 fil-ġimgħa li hija ekwivalenti għal €780 fis-sena. Smajna lil xi ħadd jgħid li fuq iż-żieda tal-għoli tal-ħajja se jieħdu madwar €2. Allura lanqas biss nafu li hemm COLA addizzjonali biex jiġu megħjuna saħansitra anzjani li se jkunu qed jieħdu bejn €100 u €1,500 fis-sena? Meta wieħed jara d-dħul tagħhom komparat mal-median income jinduna li se jkunu qed jieħdu żidiet, uħud minnhom sa €1,200 fis-sena. Imma allura possibbli lanqas nafu li din ukoll hija żieda li se jieħdu l-anzjani? Dan apparti li dawk l-anzjani li jgħixu f'darhom u li għalqu t-80 sena se jkunu qegħdin jieħdu żidiet oħra.

Se nkomplu nsostnu inizjattiva oħra li ġiet introdotta minn Gvern Laburista li hija dik tal-ħelsien mit-taxxa lill-pensjonanti sal-massimu li wieħed jista' jieħu bil-pensjoni tal-bolol. Se ssir ġustizzja billi jingħataw żidiet addizzjonali lill-pensjonanti li twieldu qabel l-1962. Se jsir aġġustament ieħor fil-bonus tal-għoli tal-ħajja minħabba inġustizzja u anomalija li nħolqot fl-2008. Dawk li bdew jieħdu pensjoni wara l-2009 se ssir ġustizzja magħhom b'żidiet addizzjonali u se jkun hemm żieda fil-bonus lil min ma kien jikkwalifika xejn għal pensjoni.

Meta għamilna r-riforma tal-pensjonijiet, persuni li ma kellhomx biżżejjed bolol ma kienu jieħdu xejn. Bid-deċiżjonijiet li ħadna persuni li kellhom biżżejjed bolol minn sena sa erba' snin bdew jieħdu bonus u dawk li ħadmu bejn il-ħamsa u disa' snin bdew jieħdu bonus ieħor, imma ma daħħalniex il-bonus biss. Kull sena qed nagħtu żieda fuq dan il-bonus u dawk li ħadmu u għandhom bolol minn sena sa erba' snin issa se jkunu qed jieħdu €500 bonus minbarra żidiet oħrajn li se jkunu qegħdin jieħdu, u dawk li ħadmu bejn ħames u disa' snin se jkunu qed jieħdu €600 bonus fis-sena.

Għal darb'oħra sar aġġustament fil-ħelsien tat-taxxa għall-pensjonanti li baqgħu attivi fid-dinja tax-xogħol. Din għamilnieha għax aħna nemmnu li l-anzjani għandhom jibqgħu attivi u mhux, minħabba li huma attivi jiġu kkastigati billi jħallsu t-taxxa fuq il-pensjoni li jkunu qegħdin idaħħlu. Kellna wkoll żieda fl-Iskema tal-Carer at Home. Din hija żieda ta' €1,000 oħra u issa se jkunu qed jingħataw għajnuniet sa €8,000 oħra fis-sena. X'ma niġux u ngħidu Malta Ġusta! Malta Ġusta inkluż mal-anzjani, u jiddispjaċini meta kelliema tal-Oppożizzjoni, konxji jew mhumiex, ġustament jew le, jgħidu parti biss mill-istorja imma mhux kollha.

L-Onor. Agius sellimli bħala Ministru li kont responsabbli mill-anzjani; jien kont ukoll responsabbli mill-familja u s-solidarjetà soċjali bejn l-2014 u l-2017. Ħdimna ħafna fis-settur tal-anzjani. Fost oħrajn, ma kellniex policy dwar persuni bid-dementia u din il-policy daħħalnieha dak iż-żmien. Dan huwa settur li huwa għal qalbi. Fl-aħħar ftit ta' ħajjitha ommi kienet tbati bid-dementia u ma kinitx tagħrafni u lanqas kienet tagħraf lil uliedi. Għalhekk naf x'jiġifieri li jkollok persuna qrib tiegħek li tkun tbati b'din il-kondizzjoni. Familjari oħrajn li huma viċin tiegħi llum ibatu bid-dementia u oħrajn li huma forsi inqas viċin tiegħi mietu ta' 61 sena bid-dementia. Allura, mingħajr ma rrid, ħdimt kemm stajt f'dan is-settur. Għamilna qabżiet kbar taħt Gvern Laburista fejn Ministru wieħed wara l-ieħor daħħal inizjattivi f'dan is-settur għaliex sfortunatament il-persuni bid-dementia qishom ma kinux jeżistu f'pajjiżna. Għadna għaddejjin anke taħt il-Ministru preżenti b'inizjattivi fejn jidħlu l-persuni bid-dementia.

Għadni niftakar meta mort l-ewwel darba fil-kċina tar-Residenza San Vinċenz de Paul u sibt ħmieġ mhux biss mal-art. Kien ħmieġ li kien hemm qabel l-2013. Il-kċina kienet ingħatat grad ta' livell għoli meta ftit xhur wara nstab li kienet kważi kundannata. Għidli jekk huwiex aċċettabbli li l-kċina tar-Residenza San Vinċenz de Paul, li minnha nitimgħu lill-anzjani, titħalla maħmuġa! Imbagħad niġu f'din il-Kamra nibku fuq l-anzjani! Il-kċina tar-Residenza San Vinċenz de Paul kienet ingħatat grad għoli, livell aċċettabbli, meta fil-fatt kienet f'livell kundannabbli! Mhux ta' b'xejn li dakinhar jien u l-Onor. Justyne Caruana, wara li konna qabbadna esperti tal-ITS li qalulna li dik il-kċina hija ta' periklu għall-anzjani, konna ħadna d-deċiżjoni li dik il-kċina tingħalaq. Gvern Laburista jieħu d-deċiżjonijiet u dik id-deċiżjoni ħadnieha mill-ewwel u sibna alternattivi mill-ewwel f'ġieħ is-saħħa tal-anzjani. Mela tipperikolaw l-anzjani

billi tikklassifikaw il-kċina f'livell għoli meta ma kenitx!

Issemmew il-carers u qalulna dwar il-popolazzjoni minn wara s-sena 2013. Meta nitkellmu b'dan il-mod qegħdin ngħidu li l-carers u n-nurses barranin irridu nibagħtuhom lejn darhom? U l-anzjani min se jieħu ħsiebhom? L-Onor. Borg jgħid kemm-il darba li f'Għawdex qed tiżdied il-kriminalità. Telgħu l-esperti fil-Kumitat dwar Għawdex, qalulu li mhux veru, tawh l-istatistika, imma minkejja dan jibqa' jiġi f'din il-Kamra u jirrepetiha.

L-aħħar rimarka rrid nagħmilha fuq ir-Residenza San Vinċenz de Paul. Grazzi lill-ministri Laburisti li biddlu din ir-residenza għal waħda ta' eċċellenza. Spalla ma' spalla magħna kien hemm Dr Josianne Cutajar li għadha kif ġiet ikkundannata mill-kelliem ewlieni tal-Oppożizzjoni. Nirringrazzjak.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Malcolm Paul Agius Galea.

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** Sur President, illum qegħdin niddiskutu suġġett sabiħ ħafna u jien se nkompli fuq dak li għadu kif qal il-kollega tiegħi. Jekk hawn Gvern li ħaqqu jkollu kredtu dwar kif jieħu ħsieb lill-anzjani huwa definittivament Gvern Laburista u dan ngħiduh bil-provi. Aħna niltaqgħu mal-anzjani. Jien speċjalment ukoll bħala tabib tal-familja niltaqa' ħafna magħhom u kieku qatt ikun hemm xi ħadd minnhom li jgerger. Issemmew il-pensjonijiet. Żgur li ħadd fuq in-naħa l-oħra ma jista' jgħid xejn fuq pensjonijiet wara li taħthom kienu ilhom 25 sena ffriżati. Taħt Gvern Laburista, sena wara sena, il-pensjonijiet dejjem żdiedu u dan ma jista' jinnegah ħadd. Jien hawnhekk se nibda nirribatti daqsxejn kummenti milli smajt.

Jekk ikun hemm bżonn, jien kemm-il darba nimla formuli fejn tidħol l-iskema tal-għajnuna tal-mard li tgħin ukoll biex persuna anzjana li għandha l-mard u hemm mediċini li ma jistgħux jinxtraw, tingħata l-flus biex tixtrihom. Dawn l-affarijiet ma nsemmuhomx konvenjentement jew għaliex insejniehom? Ma nafx! Jista' jkun! Imma ħalli mmorru għad-dunque mill-ewwel.

Sur President, ngħid għalija jien qatt ma kien ikolli daqshekk pazjenti li jmorru fir-Residenza San Vincenz de Paul anke f'sistemi ta' Outpatients u jinqdew minn hemmhekk. Dawn is-sistemi huma aħjar u jingħataw kif suppost u allura wieħed m'għandux għalfejn jistenna tul ta' żmien u tul ta' ħin fl-Isptar Mater Dei. Iva, hekk għandhom jaħdmu l-affarijiet, u hawnhekk nirringrazzja lill-Ministru Jo Etienne Abela. B'dan il-mod ħafna xogħol qed jiġi mgħoddi mill-Isptar Mater Dei għal dak il-post fejn hemm sistema addattata għall-anzjani, u qed jingħatalhom servizz kif suppost. Jekk ikollhom bżonn ċerta kura, tingħata hemmhekk. M'għandekx għalfejn tmexxi l-anzjani minn post għal ieħor. B'hekk tkun taf x'qed jiġri, għax tkun qed tmiss mar-realtà, u l-problema tindirizzaha.

Il-kelliema tal-Oppożizzjoni semmew ukoll il-carers. Allaħares ma jkollniex il-carers barranin! Dan mhux jien biss ngħidu imma kull min għandu carer, għaliex il-carers kważi kollha huma barranin. Allura se nattakkaw lil dawk ukoll? L-Oppożizzjoni taħseb li għaliex dawn huma barranin m'għandhomx qalb? Qed nattakkaw lil kulħadd! Dik hija s-sistema kif se nimxu 'l quddiem? Jien ma naqbilx! Biex nagħti ftit il-benefiċċju tad-dubju ngħid li forsi rridu naħdmu b'mod daqsxejn aktar rigoruż fejn jidħlu ċerti standards. Fuq dan il-punt nikkonċedi li għandna naħdmu fuqu kif fil-fatt qed nagħmlu u se nkomplu nagħmlu. Però allaħares nattakkaw lil dawn in-nies li telqu minn pajjiżhom biex jaħdmu f'pajjiżna u jagħtu l-aqwa livell ta' servizz! Ara ma taħsbux li għaliex dawn huma barranin m'għandhomx qalb u mhumiex familjari ma' sistemi ta' kura!

Biex inkun għedt kollox, irridu neżerċitaw aktar kontroll f'ċerti djar tal-anzjani privati. L-iskema tal-carers hija tajba, però rridu noqogħdu attenti wkoll mill-bullying. Il-bullying fuq l-anzjani niddeplorah bil-qawwa kollha, isir minn min isir, kemm jekk minn membri tal-familja stess kif ukoll minn carers. Daqstant ieħor niddeplora l-bullying fuq il-carers, għaliex dawn ukoll għandhom id-dinjità tagħhom. Uħud minnhom sfortunatament qed jispiċċaw bullied fid-djar stess, forsi mhux mill-anzjani imma minn ċerti nies fl-istess sptar, imma joqogħdu kwieti għax jibżgħu li jekk jitkellmu, jintbagħtu lura. Aħna bħala Gvern għandna d-dmir li dan l-atteġġjament nieħdu ħsiebu. Fl-aħħar mill-aħħar il-Partit Soċjalista huwa l-partit tal-ħaddiema, u kull ħaddiem huwa għal qalbna, ġej minn fejn ġej. Bħala ħaddiema li qed jagħmlu xogħolhom, għandna d-dmir li nagħtuhom il-protezzjoni kollha li hemm bżonn.

Xi ħaġa li konvenjentement intesiet min-naħa l-oħra wkoll hija l-Older Persons Standards Authority (OPSA). Tant nemmnu fl-istandards li qed inwaqqfu awtorità li se jkollha s-saħħa biex tiżgura li jinżammu l-ogħla livelli fil-kura tal-anzjani. Kulħadd jaf kemm ħadmet b'għaqal is-Social Care Standards Authority (SCSA), aħseb u ara issa b'awtorità bħall-OPSA li se tkun qed tissorvelja biex l-istandards jinżammu kif suppost. Dan ngħidu fl-ambitu tal-fatt li l-Gvern stess huwa l-promotur ewlieni tal-istrutturi li jistabbilixxu kriterji li bihom għandhom jitmexxew id-djar tal-anzjani. Fil-każ tar-Residenza San Vincenz de Paul, kemm fil-parti l-ġdida kif ukoll fil-partijiet fejn qegħdin isiru xogħlijiet ta' rinnovar, l-istandards huma tal-ogħla livell, u huwa importanti li dawk l-istandards jintlaħqu u jinżammu fid-djar tal-anzjani li għandna f'pajjiżna.

Sur President, huwa ta' sodisfazzjon li l-Gvern qed jieħu l-inizjattiva u jesiġi li dawn l-istandards jinżammu fl-ogħla livell. Naqbel ukoll bis-sħiħ li kull persuna li tieħu ħsieb l-anzjani, dan ma tagħmlux biss mil-lat ta' gwadann finanzjarju imma twettqu b'sens doveruż ta' servizz ħolistiku lejn l-anzjan.

Għandi ħafna punti oħrajn xi nsemmi imma ħin ma tantx baqagħli għax qed jiġbduli l-attenzjoni biex nikkonkludi. Għalhekk mhux se nkun qed ngħid biss x'għamel il-Gvern imma se nagħti xi ftit ideat tiegħi. Rigward il-qasam tal-ortopedija l-akbar ammont ta' nies li qegħdin fil-lista ta' stennija għal interventi u bdil tal-ġenb u l-irkoppa huma anzjani. Naħseb li huwa l-waqt li naraw kif nagħmlu biex lil dawn l-anzjani ngħinuhom. Għandna speċjalisti tal-ortopedija li huma tajbin ħafna imma dawn għandhom kwantità kbira ta' xogħol, u għaldaqstant inħoss li hemm bżonn inżidu aktar minn dawn il-professjonisti.

Ma nistax ma nikkummentax dwar il-livell ta' mediċini li għandna. Allaħares nattakkaw il-livell ta' mediċini li għandna! Jekk wieħed iħares daqsxejn lura fiż-żmien jinduna kemm kien ikun hemm kwantità kbira ta' mediċini out of stock. Dan l-aħħar kien hemm ċerti mediċini out of stock, fosthom l-Atorvastatin, li damu ġimagħatejn out of stock u nqala' paniku sħiħ. Fi żmien amministrazzjoni Nazzjonalista kienu jgħaddu x-xhur bil-mediċini out of stock! Intesew dawn l-affarijiet?! Fejn jidħol il-livell ta' mediċini, illum il-ġurnata għandna kwantità kbira ta' mediċini ġodda, filwaqt li qed nagħtu għajnuniet biex dawn il-mediċini jkunu disponibbli għal kulħadd.

Sur President, nikkonkludi dan id-diskors tiegħi billi ngħid li naqbel mal-kollega tiegħi tan-naħa tal-Oppożizzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-pazjenti. Dwar prevenzjoni, insemmi l-ammont ta' screening li jsir. Naqbel li r-reġistrazzjoni tal-pazjenti hija importanti speċjalment fil-kura tal-anzjani. Jien kburi b'xogħli u nieħu gost ħafna li nkun qed nieħu ħsieb jien. Tgħiduli: Ma tafdax lil sħabek tobba oħrajn? Le, mhux ma nafdax lil sħabi, anzi jekk inkunu tnejn jew tlieta naħdmu flimkien, nieħu gost. Imma biex niggarantixxu l-aqwa kontinwità ta' kura u trattament lill-pazjenti, fosthom anzjani, li importanti li jkollhom bilanċ perfett ta' mediċini minħabba l-kondizzjonijiet tagħhom, ikun aħjar li dawn jarawhom it-tobba tal-familja. Dan jgħin biex inkunu nistgħu nieħdu ħsieb l-anzjani tagħna aħjar. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Katya De Giovanni.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, nixtieq insemmi l-ħemel ta' żidiet li kien hemm għall-anzjani, imma f'diskors ridott biex sħabi wkoll ikollhom ċans jitkellmu, m'hemmx ċans li nagħmel dan u allura nsemmi biss l-investiment ta' apparat ġdid f'San Vincenż de Paul li huwa state of of the art f'dak li għandu x'jaqsam ma' kura u anke l-ambjent fejn qiegħed. Pereżempju, hemm klinika speċjalizzata f'dak li għandu x'jaqsam mal-inflammatory bowel disease.

Il-Partit Laburista kkrea l-Awtorità ta' Standards għall-Ħarsien Soċjali sabiex jassigura li kull ewro li jonfoq il-Gvern jissarraf fi kwalità xierqa lil kull anzjan li jkollu bżonn. Iżda l-Gvern ma waqafx hemm u kompla jbiddel billi din is-sena stess ikkrea l-Older Persons Standards Authority li se tkun iffokata u speċjalizzata fuq standards f'dak li għandu x'jaqsam ma' persuni akbar fl-età. B'dan il-qafas il-Gvern qed jassigura ruħu li meta dar tal-anzjani tingħata liċenzja, din tkun dar li tilħaq l-istandards ta' kwalità stabbiliti. Se jkun hemm rappreżentanza fuq il-Bord tal-Kummissarju għall-Istandards tal-Anzjani sabiex nassiguraw il-kontinwità fil-politika tagħna f'dan is-settur.

Filwaqt li minn qalbi niringrazzja lil Dr Josianne Cutajar u ngħidilha prosit għall-ħila tagħha fit-

tmexxija ta' San Vincenz de Paul, nawgura minn qalbi lis-Sur Jorgen Souness li qiegħed hawnhekk magħna, li nħatar kap eżekuttiv ta' din ir-residenza tal-anzjani. Is-Sur Souness wera ħila kbira fil-mod kif mexxa d-disseminazzjoni tal-vaċċin kontra l-COVID-19 f'pajjiżna. Insellem minn hawnhekk lill-ħaddiema kollha ta' San Vinċenz u tad-djar kollha residenzjali u lill-ħaddiema preżenti u passati tas-Social Care Standards Authority (SCSA) u anke tal-Older Persons Standards Authority (OPSA) tax-xogħol siewi li qegħdin jagħmlu. Li timplimenta standards f'dan il-qasam kien pass kuraġġuż li kellu bżonn isir u kien Gvern Laburista li qam għall-okkażjoni u għal darb'oħra ma beżax mill-bidla, anzi, mexa id f'id mal-imsieħba soċjali sabiex ngħollu l-livell ta' standards ta' ħarsien u kura f'dan is-settur.

X'inhi l-politika ta' dan il-Gvern, Sur President? Irridu naraw x'inhu t-titlu ta' dan il-Ministeru. It-titlu, komparat ma' dak ta' ministeri oħra, huwa qasir, sempliċi u dirett ħafna, imma fih ħafna x'wieħed jixtarr. L-isem ta' dan il-Ministeru huwa "Ministeru għall-Anzjanità Attiva" u l-enfasi taqa' fuq il-kelma "attiva". Din hija d-differenza bejn dan il-Gvern u Gvern Nazzjonalista. Fil-fatt dalgħodu aktar tkellmu fuq dak li l-anzjani ma jistgħux jagħmlu u x'diffikultajiet għandhom milli fuq dak li jistgħu jagħmlu u jikkontribwixxu fis-soċjetà tagħna.

Il-Partit Nazzjonalista għandu l-mertu li kien hu li beda s-segretarjat parlamentari għall-anzjani iżda kien Partit Laburista fil-gvern li tellgħu fuq livell ta' ministeru u ried bis-sħiħ li dan il-grupp ta' persuni li kkontribwixxa tant fis-soċjetà jibqa' jikkontribwixxi u jibqa' attiv. Aħna ma narawx persuna akbar fl-età bħala grupp ta' nies li issa trid bilfors tieħu ħsiebhom, iżda narawhom bħala attivi, b'saħħithom u kapaċi jieħdu sehem sħiħ fis-soċjetà.

Sur President, irrid infaħħar ix-xogħol u l-attitudni tal-Ministru Abela li jagħraf li l-użu tal-kelma "anzjan" kultant tpoġġi lil dawk il-persuni f'attitudni passiva. Bl-Ingliż nużaw il-kelma "elderly" u npoġġuhom f'kategorija bħalma fil-Malti nużaw il-kelma "anzjan", imma dawn l-isterjotipi ma jagħmlux sens. Il-fatt li persuna tkun definita bħala anzjana ma jfissirx li dik il-persuna għandha bilfors problemi ta' saħħa kif iħobbu jpinġuha l-Membri tal-Oppożizzjoni u neċessarjament ma tiflaħx tagħmel ċerti affarijiet. Il-ħsieb u l-orjentazzjoni tagħna lejn il-lingwa li nużaw irid jinbidel sabiex kemm jista' jkun negħlbu l-isterjotipi. Irridu ninkoraġġixxu attività mill-persuni kollha fis-soċjetà waqt li nibqgħu nwieżnu u nagħtu sapport lil dawk l-individwi kollha ta' kull età li ma jistgħux jagħmlu dan.

Qed induru għal soċjetà fejn insejħu lill-anzjani bħala "older persons" jew "persuni akbar fl-età". Spiċċa ż-żmien li rridu nagħtu timbru lil kulħadd u rridu naraw soċjetà magħmula minn persuni diversi, b'talenti diversi u li għandhom etajiet differenti. Dan id-diskors dwar inklużività diġà għamiltu meta ddiskutejna l-miżuri tal-inklużjoni. Fix-xogħol politiku tagħna rridu naraw x'inhi s-sitwazzjoni kurrenti u naraw fejn irridu mmorru bħala strateġija. Fil-politika tagħna qed naraw futur fejn persuni aktar maturi fl-età jkunu kapaċi jtejbu l-ħiliet tagħhom. Dan narawh fl-ambitu tal-Università tat-Terza Età u anke r-Raba' Età, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' litteriżmu diġitali. Kull persuna għandha dritt li tkompli titgħallem u titgħallem bil-mod li tħobb hi.

Ir-riċerka turi wkoll li aktar ma żżomm attiv inqas se jkun hemm bżonn intervent u sapport min-naħa tal-Istat għax il-persuni se jkunu aktar indipendenti u kapaċi jfendu għal rashom. Kien proprju għalhekk li l-Gvern saħħaħ l-għotja tal-carers' grant fejn dawk li jagħżlu li jgħixu f'darhom għandhom sussidju ta' €8,000 sabiex ikunu jistgħu jimpjegaw carer magħhom. Irrid naċċenna wkoll għall-għotja lil dawk li se jibqgħu jgħixu f'darhom li se tiżdied ukoll b'€50. Fuq kollox, se naraw żieda ta' 21% fil-pensjoni meta persuna tagħżel li tibqa' fix-xogħol u tittardja l-età tal-irtirar tagħha.

Sur President, nagħlaq id-diskors li kont ħerqana ħafna li nagħmel billi ngħid li jien irrid nara soċjetà aktar inklużiva fejn kull persuna, mill-kbir saż-żgħir, ikomplu jingħataw spazju biex jipparteċipaw b'mod sħiħ. Irrid nara soċjetà fejn se nkunu qegħdin ninvolvu aktar lill-persuni akbar fl-età fid-deċiżjonijiet li se nkunu qegħdin nieħdu. Irrid nara soċjetà fejn ħadd ma jiġi mwarrab u soċjetà fejn inkunu qed nagħmlu ħilitna biex l-esperjenza nużawha bħala riżors li jkompli jżid mas-suċċess ta' pajjiżna. Nirringrazzja lis-Segretarju Permanenti u anke lil Dr Renzo Degabriele li qegħdin magħna hawnhekk illum għax-xogħol siewi tagħhom f'dan il-qasam. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ray Abela.

**ONOR. RAY ABELA:** Sur President, l-ewwel nett nibda billi nsellem lill-kollega l-Ministru Jo Etienne Abela għax-xogħol li qed imexxi fis-settur tal-anzjanità kif ukoll lid-diversi uffiċjali u ħaddiema u n-nurses u l-carers kollha li jaħdmu f'dan is-settur biex inkomplu nippromwovu saħħa, sigurtà u prosperità għall-ġid tal-anzjani Maltin u Għawdxin.

F'dan id-diskors ma nistax ma nitkellimx fuq l-aktar ħaġa għal qalbi, li ħafna drabi nitkellem dwarha fil-Parlament; l-importanza tal-ħiliet u l-edukazzjoni tul il-ħajja. F'dan il-każ se nitkellem dwar dan fil-kontest tal-anzjanità. Il-ħiliet huma fundamentali ħafna fi kwalunkwe settur iżda biex immorru għal ħaddiema ta' kwalità aħjar f'dan is-settur jeħtieġ li nattwaw l-idea tal-iskills cards. Dan jgħodd ukoll għal setturi oħrajn. Jien kemm-il darba tkellimt fuq il-konċett tal-iskills card fis-settur tal-kostruzzjoni u fis-settur turistiku u tal-ospitalità u fl-opinjoni tiegħi huwa importanti li dan il-konċett jiddaħħal hawnhekk ukoll.

Ħadt pjaċir li l-kelliema tal-Oppożizzjoni tkellmu favur l-importanza li mmorru għall-iskills card u għal ċertifikazzjoni fil-ħiliet tal-ħaddiema tagħna. L-iskills card f'dan is-settur hija importanti biex nassiguraw li min jaħdem fis-settur, speċjalment fil-kura tal-anzjani, ikun ċertifikat u jkollu l-esperjenza kollha neċessarja mhux biss fix-xogħol ta' carer imma anke f'dik li hija integrazzjoni. Dan jgħodd speċjalment għall-ħaddiema barranin, u bil-kelma "integrazzjoni" qed infisser integrazzjoni fil-kultura tagħna kif ukoll fil-lingwa tagħna. Issemmiet ħafna l-lingwa Maltija. Jien kemm-il darba smajtha minn anzjani li jgħiduli li jkollhom diffikultà minħabba li m'hemmx biżżejjed komunikazzjoni mal-carer tagħhom minħabba li huma ma jafux jitkellmu jew jikkomunikaw bil-Malti.

Hawnhekk huwa importanti li ngħid xi ħaġa. Aħna rridu li ngħallmu lill-anzjani jitkellmu bl-Ingliż jew irridu ngħallmu lill-carers li qed jaħdmu f'pajjiżna jitkellmu bil-lingwa tagħna u jikkomunikaw bil-lingwa tagħna? Għalhekk nemmen li bħala parti importanti minn din il-mixja għat-taħriġ u għall-kwalità tal-iskills card tagħna, wieħed mill-modules għandu jkun definittivament il-lingwa Maltija, mhux biss fil-qasam mediku imma wkoll meta dawn in-nies ikunu fid-djar tal-anzjani jieħdu ħsieb l-anzjani.

Suġġett ieħor li nemmen li huwa importanti fit-taħriġ tal-carers tagħna huwa bla dubju t-teknoloġija u kif it-teknoloġija tintuża fil-komunikazzjoni. It-teknoloġija huwa suġġett ieħor favorit tiegħi. L-użu tat-teknoloġija fil-qasam tal-anzjani huwa importanti. It-teknoloġija għandha rwol kruċjali fit-titjib tal-ħajja tal-anzjani billi tikkontribwixxi għall-benesseri, l-indipendenza u l-kwalità ġenerali ta' ħajjithom. Hekk kif il-popolazzjoni globali qed tixjieħ, it-teknoloġija saret għodda dejjem aktar bżonjuża. It-teknoloġija tippermetti li anzjani jibqgħu konnessi mal-familja u l-ħbieb speċjalment meta d-distanzi ġeografiċi u l-ħajja mgħaġġla tal-lum jistgħu jillimitaw il-kuntatt personali.

Rajna x'ġara waqt il-pandemija u kemm kienet kruċjali t-teknoloġija f'ħajjitna. Il-video conferencing huwa suġġett li żgur irridu mmexxu ħafna iżjed 'il quddiem biex innaqqsu s-sentiment ta' iżolament u anke s-solitudni tal-anzjani. Għalhekk huwa importanti li l-carers ikunu mgħallmin fl-użu tat-teknoloġija applikata biex inrawmu aktar dan is-suġġett fost l-anzjani.

Niftakar li snin ilu - u nsellem lill-kollega tiegħi, l-Onor. Michael Farrugia, li dak iż-żmien kien Ministru wkoll – konna implimentajna proġett li kien jismu "eAnzjan" f'San Vinċenz de Paul u llum il-ġurnata għadu għaddej taħt il-Ministru Jo Etienne Abela u huwa msemmi "Tablet by the Bed". Huwa importanti li l-anzjani, huma fejn huma, rikoverati fejn huma rikoverati, iżommu l-kuntatt man-neputijiet, mat-tfal u mal-familjari tagħhom u għalhekk huwa importanti li l-bixra teknoloġika tkun parti mill-ħajja tal-anzjan ukoll. Għalhekk minn hawnhekk inħeġġeġ lill-anzjani sabiex jipparteċipaw fuq il-midja soċjali u jaqsmu interessi komuni għax dan idaħħalhom fit-triq għal aktar ħbiberiji ġodda.

F'dan il-ftit ħin li għandi nixtieq nelenka wkoll kif bħala Gvern nippromwovu l-anzjanità attiva bil-provi. Ovvjament, għad-disa' sena konsekuttiva, qed nagħtu żieda u din is-sena se tkun ta' €15 fil-ġimgħa li jiġu €780 fis-sena. Barra minn hekk, għax nemmnu li l-anzjani għandhom jibqgħu attivi anke fid-dinja tax-xogħol, qed nagħtu inċentivi lil kull min jagħżel li jkompli jaħdem. Pereżempju, hemm żieda ta' 6.5% għal min jipposponi l-irtirar b'sena, hemm żieda ta' 13.5%. għal min jipposponi l-irtirar b'sentejn u hemm żieda ta' 21% għal min jipposponi l-irtirar bi tliet snin. Hemm ukoll aktar inċentivi. Dan huwa l-impenn tal-Gvern

għal dawk l-anzjani li jixtiequ jibqgħu attivi fid-dinja tax-xogħol.

Nixtieq insemmi wkoll il-ħafna servizzi li qed nagħtu lill-anzjani li kienu ta' vantaġġ kbir għalihom. Jien midħla ħafna tal-kunsilli lokali grazzi għat-taħriġ u t-tagħlim li nagħti lill-anzjani fiċ-ċentri tal-komunitajiet. Dawn joffru opportunitajiet ta' tagħlim matul il-ħajja, opportunità ta' impjiegi għall-anzjani biex jibqgħu fid-dinja tax-xogħol. Fl-istess ħin ressaqna s-servizzi tas-saħħa eqreb lejn l-anzjani permezz tal-bereġ u l-kliniċi li qed noffru.

Nieħu pjaċir ukoll nara anzjani fis-soċjetà tal-lum jilbsu dawn il-wearables, li huma teknoloġiji li jintlibsu u li jittrekkjaw u jimmoniterjaw l-attività fiżika, ir-rata tal-qalb, u l-mudelli tal-irqad u jippromwovu l-għarfien ġenerali tas-saħħa u jużaw it-tablets u l-ismart phones. Dawn huma affarijiet li rridu ndaħħlu fihom għax anke is-saħħa u l-benesseri tal-anzjani resqin lejn żvilupp ieħor u fenomenu ġdid tat-teknoloġija, inkluż l-intelliġenza artifiċjali. Irridu nużaw dak kollu possibbli biex nagħmlu l-ħajja tal-anzjani aħjar.

Irrid insemmi wkoll id-devices li l-anzjani qed jużaw. Huwa importanti li jkollna carers li jużaw dawn id-devices biex għada pitgħada jikkomunikaw dawn id-devices direttament mas-sistemi tal-isptar kif ukoll mal-mobile apps tagħhom biex ikollhom rekord ta' storja tal-qari ta' dawn ix-xejriet fis-saħħa tal-anzjani. Huwa importanti wkoll li nkomplu naħdmu fuq li nnaqqsu s-solitudni fost l-anzjani.

Sur President, nemmen li għandna nħarsu wkoll lejn aktar ideat u inizjattivi sabiex innaqqsu l-iżolament u s-solitudni għall-anzjani. Bħala Gvern irridu nkomplu ninvestu fl-anzjani. It-tkabbir ekonomiku huwa importanti ħalli nkomplu noħolqu aktar ġid, għax il-ġid joħloq il-prosperità u jkompli jsostni l-aktar faxex vulnerabbli fis-soċjetà. Dan huwa Baġit li fih indirizzajna bis-saħħa l-aspett soċjali, speċjalment dak tal-anzjani. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? Il-Ministru Jo Etienne Abela.

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Sur President, nirringrazzja lill-kelliema kollha li taw il-kontribut tagħhom f'din is-seduta. Ippermettili nikser ftit il-forma bi storja żgħira li nispera li tkun ta' tagħlima għalina lkoll. Kif tafu, jien inżur ħafna djar ta' kura kif ukoll sptarijiet u jkolli ngħid li ħaġa kostanti mal-ħitan ta' dawn il-faċilitajiet li nżur huma ritratti tat-tieqa tad-Dwejra. Issib ritratti bil-kulur, ritratti bl-iswed u l-abjad, ritratti tat-Tieqa fil-maltemp u oħrajn fil-bnazzi. It-tieqa tad-Dwejra probabbilment ifformat 200 sena ilu imma ftit tas-snin ilu spiċċat fix-xejn. Kienet ikona li ssaħħar u min jaf kemm dehret f'films, reklami, brochures, kotba u dokumentarji.

Min jaf kemm sarrfet f'turiżmu b'saħħtu għall-gżira tagħna Għawdex. Kien luttu kbir, b'mod speċjali għall-Għawdxin imma anke għall-Maltin kif ukoll għall-umanità meta ġġarrfet, tagħlima biex il-patrimonju tagħna nżommuh u nindukrawh. U tafu biex ġej. Hawn irrid nitkellem dwar il-Ġgantija li m'ilhiex hemm 200 sena imma kważi 6,000 sena u bnewha l-persuni li ġew qabilna. Ejja nkunu ċerti li xejn ma jhedded lil dan is-sit. UNESCO jew mhux UNESCO, dan huwa sit li aħna rridu nindukrawh minn aġir bla ġieħ.

Ngħaddi mill-ewwel għat-tema tal-lum, Sur President; l-anzjanità, settur li aħna nixtiequ li kulħadd ikun parteċipi fih bl-ideat u bir-rieda tajba. Fejn hemm lok ta' apprezzament huwa ġust li jingħata. Fejn hemm bżonn il-kritika għaliex le! Kollox f'waqtu. Bħala tabib u issa bħala Ministru kulħadd jgħidli li ma jridx jixjieħ. Bħala Ministru se ninħanaq nelenka miżuri u inizjattivi tal-Ministeru, iżda bħala xjentist li nieħu pjaċir inkun preċiż u ċert, ma nistax inkun aktar ċert li r-realtà hi li kulħadd qed jixjieħ. Fl-aħħar mill-aħħar kulħadd jixtieq jixjieħ. Hawn ngħid biss illi dak li naħmu tajjeb illum se ngawdu minnu meta jasal żmienna u li nfattru jew nonqsu li nagħmlu llum se nsofruh aħna stess dalwaqt. Għalhekk ma negħjiex infaħħar il-viżjoni ta' min ġie qabli, kemm min-naħa l-oħra kif ukoll min-naħa tagħna.

Sur President, hawn nixtieq insemmi x'ġara fir-Renju Unit. Ir-Renju Unit għadu kif ħareġ dokument imsemmi *State of Ageing 2023*. Dawn huma 12-il paġna netti ta' realizzazzjoni u ammissjoni ta' apatija f'dan il-qasam. Qed nitkellem dwar ir-Renju Unit li fi ħdanu għandu erba' nazzjonijiet u miljuni kbar ta' ċittadini. Dan huwa pajjiż li aħna l-Maltin u l-Għawdxin konna kolonja tiegħu għal 200 sena u qed jirrealizzaw li l-anzjanità mhijiex sfida - u anke jien niddejjaq nisma' lill-kollegi jitkellmu dwar sfidi f'dan il-

qasam - imma hija realtà li forsi qatt ma ħadu bis-serjetà. Imbagħad tagħtini tort li nħossni kburi li din iċ-ċkejkna gżira tagħna diġà se tvara t-tieni strateġija nazzjonali għall-anzjanità fi żmien għaxar snin?

Aħna ftaħna din is-sena bi strateġija friska li se teħodna għas-sena 2030. Tagħtini tort jekk nitbissem meta naqra li r-Renju Unit qed jipproponi li joħloq Kummissarju għall-Persuni Anzjani meta Malta l-liġi li taħtru għaddiet sitt snin ilu? Kemm-il darba tissemma l-kelma "dementia" fid-dokument Brittaniku? Lanqas darba! Tafu li aħna f'Malta se nvaraw strateġija ġdida apposta għad-dementia f'Jannar li ġej, ftit tal-ġimgħat oħra? Hawn irrid inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Rapport bl-isem *State of Ageing 2023* maħruġ mis-Centre for Ageing Better tar-Renju Unit, datat Novembru 2023.

Sur President, nawgura li f'dan il-qasam nibqgħu fuq quddiem. Aħna rridu nibqgħu game changer u hawn ma nistax nonqos milli nagħti reżokont dwar x'għamilna din is-sena. Imma qabel nibda rrid minn qalbi nirringrazzja lill-mijiet ta' impjegati tagħna f'Malta u Għawdex li joffru l-ġurnata tax-xogħol tagħhom b'serjetà, b'determinazzjoni u b'sens ta' dover lejn iċ-ċittadini tagħna kollha, huma min huma, hi x'inhi l-età tagħhom u hi x'inhi l-qagħda tagħhom. Is-soċjetà tistenna u tesiġi, u bir-raġun, servizz tajjeb 24 siegħa kuljum, u hekk għandu jkun. L-operat siewi u vitali ta' dawn l-impjegati dedikati kollha qajla jidher fil-headlines tal-midja soċjali jew il-ġurnali. Mill-banda l-oħra, meta xi ħaġa tmur ħażin, narmaw għall-kruċjati u ħoll xagħrek u ġib iż-żejt.

Jien qiegħed hawn primarjament biex noffri l-viżjoni tagħna għas-sena l-ġdida u safejn nista' għas-snin ta' wara. Dan huwa baġit sod? Huwa baġit soċjali? Huwa baġit ġust? Huwa baġit perfett? Wasalna? Fejn irridu mmorru? Meta ssemmi baġit tkun qed tittratta dwar flus, finanzi, prodott domestiku gross, ekonomija, sussidji u taxxi, u dan il-Baġit għalija huwa baġit sod u baġit soċjali. Il-ħbieb tiegħi qed jipprovaw jikkonvinċu li mhux perfett, li ma wasalniex, li għajjejna u li qed inberbqu, imma l-verità ħadd ma jista' jostorha.

Li m'aħniex perfetti u li fadlilna biex naslu huwa minnu, imma li nberbqu jiddependi x'wieħed jifhem bil-kelma "tberbiq". L-Oppożizzjoni sfortunatament hija mxekkla b'mentalità ta' awsterità u għaliha dan huwa nfiq ta' flus bl-addoċċ. Għalina dan huwa investiment li bħall-ossiġnu jagħti ħajja lill-ekonomija bieżla li tirrendi u li tagħtina dak l-impetu li noffru servizzi ta' kwalità lil min fdana biex immexxu dan il-pajjiż li hu tant għal qalbna.

Il-qofol ta' dan il-Baġit x'inhu? Huwa baġit fejn il-Gvern qed jammetti li d-dinja li qed ngħixu fiha hija mifluġa bi kriżijiet kontinwi jekk mhux permanenti. Allura quddiem din ir-realtà x'kienet l-għażla ta' dan il-Gvern? Awsterità kif imħaddna f'pajjiżi bulijiet? Jew li ninvestu l-flus biex ngħinu lin-nies tagħna? Il-Gvern għaraf li jekk il-piżijiet tas-swieq tal-enerġija, fosthom il-fuels u l-ilma, jgħaddihom fuq in-nies, kien se jkun hemm daqqa serja fil-kwalità tal-ħajja taż-żgħir. Kif kulħadd jaf, l-anzjani huma mill-aktar sensittivi u vulnerabbli għal żidiet fil-prezzijiet, u hawn ta' min jgħid li mhux kulħadd jaf li l-anzjani jikkontribwixxu mill-inqas għal 20% tal-prodott domestiku gross ta' pajjiżna, is-silver economy.

Kieku l-Gvern jitfa' l-piżijiet fuq l-industrija, il-ħwienet, il-lukandi u r-ristoranti, kieku l-ekonomija ta' pajjiżna tistagna, kif ġara fil-pajjiżi bulijiet bl-effetti ħżiena li kuljum naqraw dwarhom, aktar u aktar fil-faxxa tal-anzjani. Għalhekk aħna għażilna favur in-nies. Aħna fiduċjużi li ċ-ċertezza li tajna permezz tal-istabilità fil-prezzijiet tal-ilma, gass, petrol u diesel hija kruċjali u vitali għaliex in-negozju se jibqa' jopera, il-qgħad se jibqa' f'rekord baxx, u f'pajjiżna x-xogħol se jibqa' jiġri wara n-nies u mhux bil-kontra.

Issa l-aktar importanti hu li d-dħul tal-Gvern se jibqa' b'saħħtu mingħajr ebda taxxa waħda aġġunta u mingħajr xkiel finanzjarju moħbi. Għalhekk tlumni jekk illum niġi f'din il-Kamra u b'wiċċi minn quddiem nitkellem dwar is-settur tal-anzjani? Għaliex għandna garanzija ta' finanzi fis-sod għal sena wara l-oħra, Gvern Laburista reġa' żied sostanzjalment lill-pensjonanti u lir-romol waqt li osserva r-responsabbiltà fiskali, konċett li rridu nosservaw kull ħin. Min-naħa l-oħra ssemmew figuri u l-cost of living u allura se nsemmi ftit statistika.

L-istatistika m'għandniex nibżgħu minnha u hawnhekk se nitkellem dwar dawn l-aħħar għaxar snin fejn il-medja Ewropea, il-pensjonant average fiż-Żona Ewro naqaslu l-purchasing

power tiegħu bi 8%. F'Malta, jekk tgħodd kollox flimkien – u jien m'iniex ekonomista - issib li d-dħul medju żdied b'effett ta' 22%. Forsi jkun hawn min jgħidli: Aħna l-aħjar fl-Ewropa f'dan l-ambitu? Le m'aħniex, aħna qegħdin ir-raba' u qabilna hemm il-Litwanja, il-Latvja u l-Estonja, imma biex nagħti idea - għaliex semmejt il-pajjiżi bulijiet – fl-aħħar post hemm Franza fejn il-purchasing power tal-pensjonant naqas, mhux żdied, bi 11%.

Sur President, hawn irrid nisħaq ukoll dwar l-importanza tal-prevenzjoni. Ta' kull ewro li nonfqu fil-prevenzjoni niffrankaw €8 f'kura u terapija. Din kienet sena ta' konsolidament. Kif wegħedt sena ilu, se niffokaw biex nispeċjalizzaw u neċċellaw. Hekk qegħdin nagħmlu u hekk se nkomplu nagħmlu. Difetti għandna, żgħar u kbar. Peress li m'għandniex xi illużjoni li aħna perfetti, se ngħid x'għamilna, x'irridu nagħmlu tajjeb, u se naċċenna wkoll għal dak li m'għamilniex għaliex weħilna. Se nsemmi ħafna miżuri li jiswew ħafna flus, xi wħud ħafna ħafna, imma ħafna inizjattivi oħra li kulma għandhom bżonn huwa ħsieb, viżjoni, ideat friski u determinazzjoni. Gvern għajjien qalulna! Mela ara ġej, u se nibda bir-Residenza San Vinċenz de Paul!

Din is-sena f'din ir-residenza ftaħna Ġnien ix-Xewqat Sbieħ għall-persuni bid-dementia u l-qraba u l-għeżież tagħhom. Għamilna xogħlijiet ta' modernizzar favur l-ambjent permezz ta' stallazzjonijiet u impjanti ħodor tal-arja kondizzjonata, ventilazzjoni u tad-dawl. Għamilna taqlib totali fid-day hospital fejn issa qed jinżammu kliniċi f'kull speċjalizzazzjoni medika immaġinabbli li toffri kura lill-anzjani. Qed nitkellmu dwar 20 klinika b'viżjoni ħolistika, li biss biss jinkludu erba' servizzi tal-X-rays, servizz tal-ultrasound u ġejja wkoll il-magna tal-bone density. Minflok magna tal-ultrasound waħda ġibna tnejn u ġejja oħra, għaliex meta toffri viżjoni u rieda determinata, ix-xogħol jiġi.

Dan ifisser eluf ta' appuntamenti ffrankati fl-Isptar Mater Dei li jfisser li l-pajjiż kollu se jibbenefika minn listi ta' stennija qosra. Se nerġa' nitkellem dwar id-day hospital dalwaqt, imma nkun qed nonqos jekk ma nifraħx lill-istaff li jipprovdi s-servizz ta' kura tal-għajnejn u l-viżta li mhux biss qed imexxu screening nazzjonali tal-viżta, iżda s-servizz tagħna ta' Avastin injections irċieva ċertifikat ta' eċċellenza. (Onor. Membri: Hear, hear) Mija fil-mija tal-utenti jħossu li dan huwa servizz tajjeb, 80% tal-utenti jaħsbu li l-kura mogħtija minn hawn hija l-aħjar kura fis-settur f'pajjiżna u r-rata tal-kumplikazzjonijiet hija żero.

Fl-isport lestejna grawnd tal-futbol u l-ewwel fażi ta' gym għall-użu tal-impjegati u tar-residenti kif ukoll it-team tal-football taż-żgħar ta' Ħal-Luqa. Xtrajna 400 sodda elettrika biex jinqdew aħjar sew ir-residenti kif ukoll l-impjegati tagħna, min jieħu ħsiebhom. Qlajna mill-qiegħ is-St Joseph Ward għall-koppji biex għamilna sala mudell għal kull dar ta' kura ġewwa pajjiżna. Żidna t-tobba li jixtiequ jispeċjalizzaw fil-ġerjatrija bi sforz u inizjattivi ġodda. Jekk wieħed ma jifhimx li l-futur huwa l-ġerjatrija u l-kura akuta magħqudin flimkien, ma nistgħu naslu qatt. Żidna wkoll in-numru ta' infermiera biex issa qegħdin komdi u jistgħu faċilment jieħdu leave u study leave. Irrid ngħid li infermiera ġejjin aktar, ħafna minnhom barranin, imma dan mhuwiex xi diżunur, anzi aħna nilqgħuhom b'idejna miftuħin għaliex nafu li fil-popolazzjoni Maltija ma jeżistix ir-riżors uman li jista' jlaħħaq ma' din ir-realtà.

Li l-baby boomers xi darba kienu se jixjieħu kienet realtà li pajjiżna, kif ukoll pajjiżi oħra, forsi lkoll stajna nilqgħu għaliha aħjar. Imma issa hawnhekk qegħdin u r-retorika populista u r-retorika, agħar minn kollox, xenofobika, żgur li mhux se ttaffi l-problema. Għall-kuntrarju din hija linja perikoluża immens, meta, kif għedt kemm-il darba f'din il-Kamra, pajjiżna qiegħed f'kompetizzjoni ħarxa u kontinwa ma' pajjiżi li jifilħu bil-wisq aktar minna.

Irrid ngħid ukoll li żidna u saħħaħna korsijiet għat-taħriġ ta' infermiera u carers u t-titjib tal-lingwa Maltija permezz ta' evening classes apposta. Dan mhuwiex biżżejjed. Jien għedt u nibqa' ngħid li l-lingwa tagħna, il-Malti, mhijiex lingwa faċli u għalhekk irridu nsaħħu t-tagħlim u mhux nippontaw subgħajna lejn il-barrani. Hawnhekk ma naqbilx mal-Oppożizzjoni. Fejn naqbel mal-Kap tal-Oppożizzjoni hu li anzjan, speċjalment anzjan marid li għandu bżonn l-għajnuna, għandu jkun jista' jikkomunika bil-Malti, u jiena bl-Għawdxi. Dak huwa dritt fundamentali li rridu nħarsuh f'pajjiżna billi nżidu aktar tagħlim u mhux bix-xenofobija.

Wasalna wkoll għal ftehim mal-Università ta' Malta biex issa fir-Residenza San Vincenz de

Paul ikun hemm ċentru ta' studju u skola medika anċillari. Ftehemna mal-Medicines Authority li qed jgħinuna fil-farmakoloġija klinika biex innaqqsu t-teħid ta' mediċini bla bżonn u fl-istess ħin inrażżnu l-iżbalji fit-teħid tal-mediċini. Ftehemna wkoll mal-Animal Welfare Directorate u varajna l-proġett tal-animal paddock għaliex nemmnu bis-sħiħ li l-kura permezz tal-annimali, il-pet therapy, hija importanti u tgħin f'dak li għandu x'jaqsam ma' solitudini.

Dan huwa potenzjal kbir li rridu nagħsruh, imma issa rrid nippreċiża li għad li nħobbu u nirrispettaw lill-annimali, l-istandards ta' iġjene fi sptar b'residenti vulnerabbli huma supremi u huwa l-management tar-Residenza San Vinċenz de Paul li huwa ultimament responsabbli. Fil-premises tagħha m'hemmx lok li xi ħadd, hu min hu, jinjora l-management u jagħmel fattih u li jidhirlu. Fejn jidħlu standards, chain of command u responsabiltajiet, aħna m'aħniex tal-ħabbagozz. Id-direzzjoni tagħna taf tkun ġentili kemm trid, imma bla dubju m'aħniex se nittolleraw xi tip ta' flessibbilità li tattakka dawn il-prinċipji.

Dwar proġetti interġenerazzjonali, mill-ġdid nirringrazzja lil St Catherine School ta' Pembroke tal-koperazzjoni tagħha magħna fi programmi ta' responsabbiltà soċjali li se nkomplu naħdmu fuqhom. Din mhijiex biss inizjattiva kontra s-solitudni però għandha sservi wkoll ta' tagħlim għaż-żgħar tagħna. B'mod egoistiku aħna nittamaw li din tista' tiżra' ż-żerriegħa ta' vokazzjonijiet għal iktar persuni biex dawn isaħħu l-workforce tagħna fil-futur.

Sur President, x'inhi l-viżjoni tagħna għall-futur tar-Residenza San Vinċenz de Paul? Għalkemm dan il-post huwa dar residenzjali fl-istess ħin tajnieh xejra ta' sptar ġerjatriku. Għalhekk se nkomplu nżidu n-numru ta' tobba speċjalizzati u ta' konsulenti speċjalisti. Se nkomplu nisħqu li din il-faċilità hija riżervata għal dawk il-persuni li għandhom l-aktar bżonn ta' kura dipendenti. Din is-sena għandna €1.6 miljun ivvotati biex nirranġaw u nirrinovaw il-ftit swali li għadhom jidhru daqsxejn qodma. Se nkomplu nixprunaw il-Kumitat ta' Etika u r-Resident Advocacy Group. Nixtiequ li b'intiża mal-Malta Health Network inkomplu nimbottaw l-involviment tar-residenti u l-pazjenti fid-deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-kura tagħhom stess. Se nagħti eżempji żgħar. Smajna t-talba dwar assistive monitoring devices. Smajna t-talba dwar cafeteria f'xi pjazza minn tar-Residenza San Vinċenz de Paul u se nvaraw l-advanced care planning f'kull dar ta' kura f'pajjiżna. Dan ifisser li se nagħtu vuċi soda u ċara lill-persuni li nieħdu ħsieb it-trattament personalizzat ta' kull wieħed u waħda minnhom.

Ninsabu wkoll mexjin fuq il-qalba diġitali u l-wegħda li neliminaw l-użu tal-karta sal-aħħar tas-sena li ġejja, forsi b'pass kemxejn kajman għall-gosti tiegħi, u hemm bżonn inħaffu dan il-pass biex nimmodernizzaw mingħajr ma jkollna biża' żejda.

Lill-Onor. Mifsud Bonnici ngħidilha li aħna għandna pjanijiet ukoll għar-riabilitazzjoni. Fl-innovazzjoni, fl-endoskopija u fir-riabilitazzjoni għandna proġett fil-fażi ta' ippjanar, u nwiegħed minn hawnhekk li se nkunu qegħdin nitkellmu dwaru matul is-sena li ġejja. Dwar teknoloġija u riċerka beħsiebna nvaraw proġetti pilota dwar intelligenza artifiċjali u r-realtà virtwali biex jgħinu u jsaħħu s-servizzi tal-fiżjoterapija u l-occupational therapy. Ma' dawn inżid riċerka dwar sistemi ultramoderni ta' monitoraġġ, riċerka fil-mard infettiv u mard komuni fl-anzjanità. Saħansitra qed nersqu lejn il-genomics li huwa l-futur tal-kura personalizzata u, kif qal il-kollega tiegħi l-Onor. Abela, l-AI irridu nkunu kawti dwaru, imma hemm bżonn li nużawh.

Nerġa' nisħaq ukoll dwar l-importanza tal-prevenzjoni. Ta' kull ewro li nonfqu fil-prevenzjoni niffrankaw €8 f'kura u terapija.

Rigward ambjent inwiegħdu li kull fejn jeżisti spazju li jista' jakkomoda apparat li jiffranka l-enerġija se nkunu qed nisfruttawh b'servizzi. Irridu nkomplu nagħsru l-potenzjal tad-day hospital. Il-klinika tad-dentistrija mmexxija minna flimkien mal-Fakultà tad-Dentistrija tal-Università ta' Malta se tiċċaqlaq għad-day hospital biex dan ikompli jieħu xejra kulma jmur aktar ħolistika. Id-dentistrija se tespandi u se tinkludi servizz li jkun imwassal fis-swali tar-residenti nfushom. Dan se jsir b'koperazzjoni sħiħa mad-Dipartiment tad-Dentistrija tal-Isptar Mater Dei.

Is-CT Scanner għadu ma wasalx. Dan ħabbru l-predeċessur tiegħi u ħabbartu jien kemm-il darba. Kemm taħseb li għamilna CT Scans matul din is-sena u nofs? Lanqas wieħed! Żero! Jien m'iniex hawnhekk biex nieħu jew nagħti pjaċir jew biex inqarraq bin-nies. Irrid ngħid – u forsi din mhux kulħadd se jieħu pjaċir biha - li l-flus u l-akkwist

tat-tagħmir qiegħed hemmhekk għaċ-ċittadin, imma r-regolamenti u l-liġijiet verament qed jaqduh liċ-ċittadin? Il-proċess tal-akkwist tat-tenders għandu jkun trasparenti, għandu jkun ġust ma' min japplika. Imma dan il-proċess ġust u trasparenti kemm huwa ġust mal-utent, ma' min għamel għomru jħallas taxxi u kontribuzzjonijiet? Qed jaqdi lil min jeħtieġ is-servizz fil-pront? Jew fih toqob u legaliżmi li jiġu sfruttati bla skruplu u ċ-ċittadin jibqa' nofs leħja? Għaliex fil-każ tas-CT Scanner tagħna għadna lanqas biss akkwistajna x-xafra u s-sapuna biex nibdew inqaxxru din il-leħja!

Tgħidli din hija burokrazija ddettata mill-Unjoni Ewropea, imma issa *sta* għalina l-politiċi u l-esperti li jużaw dan it-tagħmir biex ngħarblu sew kemm verament ir-regolamenti u l-liġijiet tagħna qegħdin jaqdu liċ-ċittadin. Din hija materja ta' responsabbiltà kollettiva. M'hemmx lok li ngħid li jien m'għandix x'naqsam. Kulħadd għandu x'jaqsam. Ħadd ma jieħu pjaċir jistenna meta jkollu bżonn xi CT Scan malajr. Il-flus qegħdin hemm fuq l-ixkaffa, imma t-tender weħel f'xi tribunal jew qorti jew bord. Taħseb li min għandu bżonn is-CT Scan malajr se jiġi jtaptapli fuq spallti u jgħidli li għandi raġun, tort tal-burokrazija?!

Hawn m'iniex inħarref u nfittex ix-xagħra fl-għaġina. Forsi wieħed jiddarras jgħidha kif inhi qabel jinqaras. Kollox importanti; it-toroq, il-flyovers, il-vetturi, l-iskart, l-iskejjel, fost oħrajn, imma fejn tidħol is-saħħa u s-servizzi ta' kwalità u f'waqthom għall-anzjani m'hemmx lok għal tidwir u lakuni u burokrazija li toħnoq, għaliex il-ħin u ż-żmien mhuwiex xi lussu għal din il-faxxa ta' utenti, mhijiex xi ħaġa li ċ-ċittadini tagħna anzjani jistgħu jaffordjaw. Naħseb li kont ċar biżżejjed, imma fadalli ngħid xi ħaġa dwar dan aktar tard.

Se nitkellem issa dwar l-Active Ageing and Community Care (AACC) li ftit tal-ġranet ilu tkellmet dwaru l-Onor. Mifsud Bonnici. Forsi l-Onor. Mifsud Bonnici ma tafx li ftit tal-ġranet ilu dan id-Dipartiment irċieva ċertifikat tajjeb jew inkoraġġanti f'kull qasam assessjat minn National Audit Office (NAO). Dan id-Dipartiment qed jaqdef 'il quddiem u l-viżjoni qegħdin inbiddluha bil-mod, imma b'mod ċar. L-istrateġija hawnhekk hija waħda. Dan id-Dipartiment irid isaħħaħ kemm jiflaħ il-firxa ta' servizzi fil-komunità biex imbagħad permezz tal-involviment attiv tiegħu fl-assessjar u l-assenjar tal-kategoriji ta' dipendenza, ikun fl-aħjar pożizzjoni li joffri l-aħjar servizz fid-djar tan-nies b'sens ta' speċjalizzazzjoni u bi trasparenza u mhux aktar bi prattiċi mċajprin.

Huwa sewwa u xieraq li nħajru u nimbottaw lill-anzjani biex jibqgħu jgħixu fi djarhom. Hawn irrid ngħid li varajna l-kunċett ta' case management u se nkomplu niżviluppaw din l-idea ta' kordinament u provvista. Nistħajjel li l-Onor. Spiteri meta kien qed jitkellem dwar dan il-qasam kien qed jirreferi għal dan. Case management hu li inti għandek kontinwità fl-assessjar u l-monitoraġġ tal-pazjenti ġewwa darhom. Ma rridux naraw aktar stejjer ta' qsim il-qalb fejn anzjani, kontra r-rieda tagħhom, ikunu mġiegħla jew mormija minn xi ħadd, hu min hu, biex joħorġu minn darhom u jidħlu f'xi dar ta' kura jew faċilità.

M'għandux ikun li dan id-Dipartiment ikun iffokat biss biex isib is-sodod għall-applikazzjonijiet indiskriminati. Sistema hekk tkun waħda bla qiegħ, totalment insostenibbli u distakkata mir-realtà. X'irridu? Aktar djar ta' kura milli skejjel? Aktar u aktar djar ta' kura f'kull raħal jew villaġġ? Dażgur li le! Din mhijiex xi għalqa fejn xi ħadd iqum filgħodu u jfettillu jmur jagħmel lira tajba! Irridu nkomplu nsaħħu s-servizzi lill-individwi fid-dar jew komunità tagħhom, u hawnhekk ippermettuli nagħmel lista ta' dak li għamilna.

Sur President, aħna saħħaħna s-servizzi tal-Home Help b'żieda għal €8 fis-siegħa u għandna 6,500 utent sa Ottubru ta' din is-sena. Għas-servizz ta' CommCare li ssemma mill-Onorevoli kollegi għandna 3,700 riferta ġdida, u kellna kważi miljun intervent din is-sena biss sa Ottubru f'Malta u Għawdex. Fis-servizz ta' fiżjoterapija u allied health kellna kważi 14,000 riferta ġdida u 44,000 intervent sa xahar ilu. Respite at home kellna 300 każ, residential respite 180 każ, u psikoterapija 140 pazjent moqdi. Fil-flebotomija, is-servizz tat-teħid tad-demm għat-testijiet mediċi kellna 10,500 intervent. Meals on wheels kellna 1,200 utent, servizzi tal-handyman fid-djar kellna 1,690 utent, u każi ta' social work kellna aktar minn 800 każ.

Rebate tat-telefonija kellna 2,000 utent. Għandna kollaborazzjoni ma' kumpaniji telefoniċi għal roħs fir-rati għall-anzjani. Fis-servizz tat-Telecare kellna 6,500 utent u dan huwa servizz li se nġeddu din is-sena. Għas-servizz tat-trasport,

is-Silver T Service, nazzjonalizzat din is-sena f'Malta u Għawdex, kellna 660 utent u aktar minn 23,000 vjaġġ din is-sena biss sa Ottubru. Wasalna saħansitra għal ftehim mal-BCRS u l-kunsilli lokali, fosthom ta' Marsaskala, biex tiżdied il-flotta ta' vetturi elettriċi. Wasalna wkoll għal ftehim mal-kumpanija Bolt għal servizz sussidjat fuq traġitti ma' din il-kumpanija privata.

Nidejna wkoll is-servizz ta' kiri ta' sodod motorizzati fejn il-Gvern qed joffri wens permezz ta' sussidju qawwi. Tajna bidu għal servizz fid-dar tat-tabib b'xejn għal dawk l-anzjani li għandhom kondizzjonijiet kumplessi. Dawn huma l-inizjattivi li se jservu ta' sisien għall-programm ta' hospital at home, fejn żgur mhux forsi se naraw tnaqqis fl-ammissjonijiet bla bżonn fl-isptarijiet tagħna.

Is-sussidju tal-carer fid-dar, li tkellmu dwaru l-kollegi tiegħi, issa se jiżdied u se jkompli jiżdied fis-snin li ġejjin għaliex din hija miżura kruċjali li se tkun pilastru tal-istrateġija ta' dan id-Dipartiment. Minn hawnhekk nikkoreġi lill-kollega tiegħi li l-lista ta' stennnija għall-carer at home bħalissa hija żero. Ħadd ma jista' jiċħad li l-ingaġġ ta' carers ma fihx diffikultajiet. Bħala Gvern se nkunu qed nieħdu aktar interess mill-qrib f'dan is-settur. Kif qal l-Onor. Abela, it-taħriġ irriduh jaħdem b'mod iktar effiċjenti u jsir aktar diffuż, u f'dan il-qasam m'hemmx lok għal sfruttament u abbuż ta' ħadd.

Ma nistax ma nfaħħarx it-twaqqif tad-Direttorat tad-Dementia li issa għandu caseload ta' kważi 900 persuna b'din il-kondizzjoni, u altru li nsejnieha d-dementia. Tajna direzzjoni biex f'diskussjoni mal-Ministeru tas-Saħħa l-mediċina Memantine, li ttaffi xi ftit l-effetti tad-dementia, tidħol fil-formularju ta' mediċini b'xejn mis-sena d-dieħla.

Kelmtejn dwar id-djar residenzjali, Sur President, fejn għandna total ta' 3,580 resident fid-djar tal-Gvern u dawk bil-public private partnerships. Sa Ottubru l-Gvern kien xtara kull sodda li kien hemm fis-suq f'pajjiżna. L-ispiża komplessiva tal-Gvern f'dan is-settur għas-sena d-dieħla se tilħaq rekord ta' €87 miljun. Ovvjament din hemm fiha żieda ta' sodod u s-6% għoli tal-ħajja li hu previst għas-sena d-dieħla wkoll. Se nkomplu nsebbħu d-djar tal-Gvern bħalma qed nagħmlu fil-Floriana. Hemm tenders bi sħubija mal-privat għal dawk ta' Bormla u l-Imsida.

Qegħdin f'fażi ta' preparamenti avvanzati u huwa għalhekk li ma jkun hemm l-ebda ċifra li tidher fl-estimi tal-Gvern. Dawn għalija huma super urġenti, imma għad li bħala kirurgu forsi għandi d-difett ta' impulsività u impazjenza, nifhem li dawn huma dokumenti li jridu jiġu analizzati b'reqqa liema bħalha, u bħal ċittadini oħra b'rashom fuq għonqhom napprezza x-xogħol estensiv u siewi li huwa involut. Nawgura li dan il-proċess ma jeħel ma ebda skoll mingħajr raġunijiet validissimi.

Ġie deċiż li bi spiża ta' €400,000 se nibdlu s-sistema ta' arja kondizzjonata fid-dar tal-anzjani taż-Żejtun u se nibdlu l-lifts tal-Isptar Zammit Clapp bi spiża ta' €0.25 miljun. Se nkomplu nsaħħu l-aspetti ta' kura paljattiva fi djar residenzjali għaliex dan id-dipartiment ilu li għaraf l-importanza ta' din it-tip ta' kura. Aħna nixtiequ li persuni li joqorbu lejn ix-xifer tal-ħajja jkunu jistgħu jirċievu konfort tanġibbli u dinjità.

Daħħalna s-sistema diġitali tad-dashboard flimkien mas-sistema tal-CONvErGE, imma dawn żgur li mhumiex biżżejjed għall-qalba diġitali kompleta li nixtieq nara. Dan id-Dipartiment flimkien mad-day hospital tar-Residenza San Vinċenz de Paul huwa mgħobbi bir-responsabbiltà li jevita u jipprevjeni d-diżabilità fl-anzjani. Għalhekk se nkomplu nżidu n-numru ta' tobba speċjalizzati u konsulenti speċjalisti. Se nkomplu ninvestu wkoll fi screening programmes biex nevitaw kemm nistgħu kumplikazzjonijiet mill-mard tal-puplesija, mard tal-qalb kif ukoll mard tal-għajnejn. Għalhekk xtrajna tagħmir ta' ECG machines fid-djar tal-Gvern bi spiża ta' €35,000 kif xtrajna tagħmir tal-għajnejn f'Dar Padova Għawdex, kważi €11,000 biex nestendu l-iscreening nazzjonali tal-vista fil-gżira Għawdxija. Ta' kull ewro li nonfqu fil-prevenzjoni niffrankaw €8 f'kura u terapija.

La qed insemmi għal darb'oħra lil Għawdex, l-uffiċċju tagħna fi Triq it-Tiġrija fir-Rabat, Għawdex imżanżan riċenti, diġà pproċessa eluf ta' applikazzjonijiet għal servizzi f'Għawdex u f'Malta u jikkomplementa tajjeb ix-xogħol iebes u eċċellenti mogħti minn Dar l-Anzjan fi Triq Żekka, il-Belt Valletta.

Il-proġett ta' Dar Padova fil-limiti ta' Għajnsielem, bil-kliniċi multidixxiplinarji li stabbilixxa qed joffri servizzi totalment ġodda f'Għawdex. Ma nistax ma nirringrazzjax lil Prof.

Cassar li laqa' minnufih it-talba tagħna biex f'Għawdex ikollna l-ewwel klinika vaskulari għall-anzjani. Dan huwa servizz li Għawdex kien ilu snin sħaħ għatxan għalih u nieħu pjaċir li l-Ministeru tas-Saħħa għaraf din ir-realtà wkoll. Ninsab informat li l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex issa se jikkomplementa dan is-servizz li bdejna.

L-Awditur ukoll faħħar lil Dar Padova bħala l-uniku ċentru speċjalizzat fid-dementia f'din il-gżira Għawdxija. Dan id-Dipartiment huwa determinat li jagħmel differenza ta' fejda fil-qasam tad-dementia. Mhuwiex b'kumbinazzjoni li Dar Padova rebħet il-proġett tas-sena tas-Servizz Pubbliku 2023. It-titjib tal-kwalità tal-ħajja fil-komunità hija l-essenza tal-operat ta' dan id-Dipartiment. Ilħaqna ftehim ma' dawn il-kollegi biex inħeġġu attività komunitarja fl-arti, kultura, drama, xjenza, attività fiżika u rikreattiva, tagħlim għal matul il-ħajja, attivitajiet interġenerazzjonali, materji ta' finanzi, school grannies, għajnuna fil-qasam legali u għarfien dwar id-dementia. Altru milli qgħadna b'idejna fuq żaqqna!

Sur President, din l-inizjattiva ħolqot network ta' 29 day centre u sħubija mal-kunsilli lokali, mal-FITA, Teatru Malta, Guardianship Board, Teatru Astra, Teatru Aurora, il-Korp tal-Pulizija, Ladies Culture Club, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, l-assoċjazzjonijiet ĠEMMA u DONINU MALTA, Legal Aid Malta Agency, Heritage Malta, Malta Dementia Society, il-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, l-Iskola Primarja tax-Xewkija, Kalkara, Bormla, l-Iskola Mikelang Refalo tar-Rabat, Għawdex u l-Università tat-Tielet Età u r-Raba' Età f'diversi siti f'Malta u Għawdex. Kif għedt fil-bidu tad-diskors tiegħi, jiena forsi qed negħja u ninħanaq, imma l-Gvern li nirrappreżenta żgur li ma għejiex!

Sur President, ngħaddi issa għall-awtoritajiet regolatorji u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Persuni Anzjani li jaqgħu fid-dekasteru tiegħi. Dwar is-Social Care and Standards Authority (SCSA) għadna kif għaddejna mill-istadju tat-Tielet Qari liġi ġdida li se tagħmilha possibbli li l-funzjonijiet regolatorji li għandhom x'jaqsmu mad-djar tal-anzjani u kull tip ta' faċilità ġerjatrika jgħaddu taħt awtorità ġdida kompatta u speċjalizzata kif jixraq. Din se jkun jisimha Older Persons Standards Authority (OPSA). Ma nistax ma nirringrazzjax lill-kollegi tal-Oppożizzjoni, speċjalment lix-shadow minister, l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, li b'serjetà kbira taw kontribut siewi biex flimkien ngħaddu din il-liġi li issa se ssir realtà.

B'hekk l-SCSA bil-funzjonijiet l-oħra kollha, li ħafna minnhom għandhom x'jaqsmu mat-tfal, tkun tista' tgħaddi taħt il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal kif xieraq. Fil-ġranet li ġejjin l-OPSA se tieħu b'serjetà akbar l-istandards f'dan il-qasam tant sensittiv tal-anzjani. Peress li l-OPSA mhuwiex xi korp ieħor tal-Pulizija, l-istrateġija se tkun waħda ta' ħarsien tal-utenti bħala funzjoni suprema, imma b'fermezza fl-osservazzjoni tal-istandards b'mod li l-fornituri jkunu megħjuna bl-aħjar mod biex joffru l-aħjar servizz possibbli. Nawgura l-ħidma t-tajba lill-impjegati li se jkunu ingaġġati fl-OPSA.

Issemma l-abbuż kif ukoll ir-reġistru tal-offenders. Dwar dan ir-reġistru oriġinarjament kien hemm paragrafu fil-liġi tal-OPSA, però peress li ndunajna li ħafna impjegati jaħdmu kemm mal-anzjani kif ukoll ma' persuni b'diżabilità, iddeċidejna li jagħmel sens li toħroġ liġi waħda tal-Offenders Register li tkun konġunta bejnna u l-Ministeru inkarigat mid-diżabilità.

Dwar l-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Anzjani, aħna kommessi li ngħollu l-profil u l-operat ta' dan il-qasam. Biss biss il-Kummissarju issa se jkun qiegħed jiġi rappreżentat fuq il-Bord tal-OPSA biex jiġġieled għall-interess tal-utenti. Nikkonkludi dan il-kapitlu billi nwiegħed li s-sena li ġejja – u din diġà aċċenna għaliha l-Onor. Abela – se nkunu qed niddiskutu aktar dwar kif l-anzjani b'mod prattiku jkunu jistgħu jwettqu aktar fid-dinja tax-xogħol f'pajjiżna.

Ngħaddi issa għall-Malta Medicines Authority (MMA) li għandha l-funzjoni primarja li tiggarantixxi l-kwalità u s-sigurtà ta' kull prodott farmaċewtiku u kull tagħmir mediku li jidħol f'pajjiżna. Fiha hemm 118-il impjegat li minnhom 100 huma gradwati, 50 minnhom bil-Masters u 25 b'Dottorat. Din hija awtorità super speċjalizzata li tagħraf il-benefiċċji tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ispeċjalizzazzjoni. Għalhekk il-programm ta' fellowships internazzjonali għaddej ġmielu. L-impjegati tal-MMA huma mgħobbijin b'responsabbiltà mill-aktar kbira u unika. Din is-sena biss l-MMA assessjat 934 mediċina, sforz kbir li direttament inaqqas il-listi ta' mediċini out of stock f'pajjiżna,

minkejja l-effett negattiv li ħasset Malta bil-Brexit.

Sur President, din l-Awtorità għamlet 21 spezzjoni ta' stabbilimenti farmaċewtiċi f'pajjiżi terzi għaliex għandha reputazzjoni għolja sew fl-Ewropa kif ukoll fl-Amerka. Mhux biss, imma l-MMA għandha rwol li jmiss sew mal-affordabilità tal-mediċini. Għalhekk nirringrazzja lill-MMA li laqgħet id-direzzjoni tagħna biex isir l-eżerċizzju riċenti li wassal għal roħs fuq diversi mediċini importanti. Ovvjament, hawnhekk irrid naċċenna li dan ma kienx ikun possibbli mingħajr ma jaħdmu magħna tal-privat.

Bi pjaċir inħabbar ukoll li l-MMA se tassumi rwol aktar b'saħħtu fil-qasam tat-tagħmir mediku. Fil-fatt f'dan il-qasam l-Awtorità diġà għandha profil għoli, tant li l-Joint Action Group for Medical Devices tal-Unjoni Ewropea għadu kif tana grant ta' €2 miljun. Tajna direzzjoni biex neliminaw it-tariffi marbutin ma' investigazzjonijiet ta' tagħmir difettuż biex insaħħu l-kultura ta' rapportaġġ f'dan il-qasam daqshekk sensittiv u biex insaħħu l-kultura ta' prassi proattiva fl-isptarijiet tagħna.

Dan għandu jwassal biex is-servizzi mediċi u kirurġiċi jitwasslu lill-pazjenti b'mod sigur aktar minn qatt qabel. Jien ninsab inkwetat li rreġistrajna għadd ġmielu ta' ilmenti rigward tagħmir varju. Nifhem li l-prattiċi ta' akkwist ta' apparat mediku huwa regolat b'liġijiet u regolamenti favur it-trasparenza fin-negozju, imma bl-istess mod inħeġġeġ li lkoll kemm aħna nkunu involuti f'deċiżjonijiet li jolqtu lill-utenti, li jolqtu s-saħħa u l-ħajja tal-pazjenti tagħna aktar mill-qrib.

Sur President, nixtieq ngħid kelma waħda biss dwar tagħmir mill-esperjenza tiegħi ta' kirurgu. Wieħed irid jifhem li kull meta xi tip ta' tagħmir mediku jinbidel, il-kirurgu, għandu kemm għandu esperjenza, inkunu erġajna poġġejnieh fuq il-learning curve. Konxji li dan ifisser learning curve ġdida għall-kirurgu? Din hija prassi ġusta mal-pazjent? Dawn huma ħsebijiet li għandna x'nomogħdu. Però fuq nota pożittiva ngħid li bħala proġett ta' corporate social responsibility huwa pjaċir tiegħi llum li nħabbar li mid-dħul tagħha l-MMA se toħloq il-fond imsejjaħ Extraordinary Pharmaceutical Care Fund (EPCF) li fit-tliet snin li ġejjin se jipprovdi €1 miljun li se jintużaw fil-kura kif dirett minn esperti fil-qasam.

Fil-fatt nista' nħabbar li wara konsultazzjonijiet mal-esperti, is-sena d-dieħla l-Fond se jintuża biex jingħata tilqim kontra l-pneumococcus lil kull resident fid-djar ta' kura. Din il-manuvra għandha tnaqqas ir-rata ta' pneumonia li hija infezzjoni fil-pulmun u hija manuvra li żgur se tiffranka ammissjonijiet u ffullar fl-isptarijiet. Aktar importanti però, din hija manuvra li se tnaqqas is-sofferenza, id-diżabilità, id-dipendenza u imwiet preventibbli fl-anzjani ta' pajjiżna. Wieħed jista' jgħid li se nagħtu nifs ġdid u, nerġa' ngħid, ta' kull €1 li nonfqu fil-prevenzjoni niffrankaw €8 f'kura u terapija.

Sur President, nikkonkludi b'nota dwar il-futur tal-Malta Laboratory Network. Għaddejjin bil-fażi aħħarija ta' riforma u r-ristrutturar f'dan il-qasam li beħsiebna nsaħħuħ sabiex jassumi r-responsabbiltà u l-operat tac-cyclotron is-sena d-dieħla. Fi sħubija mal-Malta Enterprise qed nippjanaw li kull pazjent Malti u Għawdxi li jsofri mill-marda tal-kanċer għandu jkun fornit bil-mediċini tal-PETscan ġewwa Malta stess. Irridu nespandu l-użu ta' dawn il-kimiċi mhux biss fid-dijanjosi u l-moniteraġġ tal-kanċer imma wkoll fit-terapija u fil-kura ta' każijiet speċifiċi ta' kanċer kif jixraq lil pajjiżna. Daqshekk dipendenza fuq pajjiżi barranin u problemi ta' loġisitika. Pajjiżna jixraqlu li f'qasam sensittiv u delikat bħal dan ikun awtosuffiċjenti. Jekk l-apparat jippermetti, nesportaw dawn il-kimiċi wkoll. Din għandha tkun okkażjoni li nisfruttaw bla biża' ċ-ċans li pajjiżna jsir player reġjonali f'dan il-qasam.

Nagħlaq billi mill-ġdid nirringrazzja lill-kollegi u l-impjegati kollha tagħna. Nieħu din l-okkażjoni biex nawgurawlhom il-ħidma t-tajba u l-festi t-tajba. Konvint li dan il-Partit, dan il-Gvern, bil-Baġit ġust li ppreżenta, bl-ideat soċjali u moderni u speċjalizzati tiegħu, qed joffri garanzija ta' futur dejjem aħjar f'dawn l-oqsma sensittivi li għadna kif iddiskutejna. Grazzi lilek, Sur President, tal-ħin misluf. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Fil-11.28 a.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Anzjanità Attiva rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Sar il-ħin. Issa nitlob lill-Ministru Jo Etienne Abela biex, jekk jogħġbu, iressaq l-Aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**Is-Sbatax-il Seduta Stabbilita – Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar**

Vot 43 - Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Vot XIX - Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar – Kapital

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023:*

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili.

Infakkar lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar għandha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari jistgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

*Fil-11.31 a.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*